# Leħen il-Malti

ALL SORTS OF EDUCATIONAL AND ECCLESIASTICAL BOOKS

CAN BE OBTAINED FROM

## A. C. AQUILINA & CO.

45D, KINGSWAY, VALLETTA.

---

## PAUL TALIANA

WATCH-MAKER AND REPAIRER

24, St. JOHN STREET — VALLETTA.

A Large Assortment of Watches and First Class Repairing.

---



# LEHEN IL-MALTI

Editur: *Prof. G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)*

IT-XXII SENA — APRIL-DIĊEMBRU, 1952 — Għadd 254-262

DAN IL-GHADD FIH:—

L-Editur: Għaliex domna — Valentin V. Barbara, O.P. (trad.) Ġulju Ċesri — Dun Frans Camilleri: *Xjenza* — G. B. Cassar: *Ix-Xemx ta' Mejju* — P. Marianus Vella, O.F.M.: *Sangre Y Arena* — Dr. E. Agius: *Lura lejn Malta* — A. Manara: *Żmien u Mħabba, Versi lil M...* — Dr. A. Buttigieg: *Puccini u l-"Coro dei Muti"* — Dr. R. Briffa: *Waħdi Tlajt* — J. B. Cassar: *Niftakar* — Ġużè Chetcuti: *Klawsura* — Fr. Cherubin M. Farrugia, O.C.: *Ir-Ranċiż* — V. Caruana: *Iben il-Poeżija* — Frin 52: *Attitudini Interrogativa: Il-Moħħ Joqgħod* — K. Vassallo: *Il-Għeneb taż-Żija* — J. Mejlak: *Il-Baħar* — G. Curmi: Il-Letteratura ta' Żminijietna — F. Ebejer: Ċpar fix-Xemx — Ġorġ Bonavia: Il-Kanada — Pajjiż ta' Żewġt Ilsna A. M. Cassola: Reċensjoni.

# Għaliex Domna...

*MILL-EDITUR*

*Domna ma ħriġna, domna ħafna ġewwa u tgħidx kemm iddejjaqna magħluqin. Imma ż-żmenijiet ħżiena wisq. Il-karta għolja, u l-imseħbîn mhux kollha jħallsu fil-waqt. Il-flus jagħmlu l-qalb għax, saħħa titħabat, tikteb u la titħallas u lanqas tħallas lil min jiktiblek għax ma għandekx mnejn, imma għall-anqas irid ikollok moħħok mistrieħ li għandek biex tħallas il-ħarġa. U kien ikollna mnejn inħallsu kieku kull imsieħeb joħroġ sehmu. Ftit ma' ftit jagħmlu ħafna. Imma sakemm jibqa' mseħbin li jaħsbu li din ir-rivista, li għandha aktar minn għoxrin sena ħajja, tinbet waħedha bħal ħaxix ta' fuq il-blat, ma nistgħu inħossuna żguri li ser ikollna biex inħallsu l-istampatur. Għalhekk, jekk int wieħed minn dawk li għadhom ma ħallsux, agħmel dmirek u ibgħat il-flus li għandek tagħti lit-Teżorier, Leħen il-Malti, Università. Għin ruħek biex tgħin lilna. Kif tista' tara minn din il-ħarġa, qed nagħtuk kitba li tiswa mitqilha deheb. Jekk tmut il-letteratura minn Malta x'jibqa' biex juri li aħna ċivilizzati? Il-Pulitika wil-ġurnaliżmu pulitiku biss......*

*Leħen il-Malti ilu ħaj fuq l-għoxrin sena u aħna għalkemm ma aħniex ferħanin bil-faqar tal-kaxxa tagħna għandna tama qawwija li negħilbu ż-żmien ikreħ li barra minn Malta qatel rivisti letterarji kbar li ħallew warajhom battal li ma jimteliex malajr.*

*Għalik, mela, qarrej. Ibgħat it-tisħib tiegħek u ġibilna mseħbin ġodda mill-aktar fis.*

*Issa aqbad u aqra u tara kemm f'dan in-numru għażilnielek kitba li ma tagħmelx għajb lill-art li tatek Twelid u Lsien biex tagħżlek bħala Malti fost il-popli l-oħra kollha.*

# ĠULJU ĊESRI

TA' W. SHAKESPEARE

(Qlib ta' *VALENTIN V. BARBARA O.P.*)

*Jaqbad mal-għadd* 251-253

Dehra II. Misraħ.

Daqq ta' trombi. Jidħlu ĊESRI; ANTONJU, imhejji għall-ġirja mqaddsa; KALPURNJA; PORZJA; DEĊJU; ĊIĊERUNI; BRUTU; KASSJU; u KASKA; kotra kbira ta' nies warajhom, fosthom SAĦĦAR.

ĊESRI. Kalpurnja,—
ĊESRI Kalpurnja,—
QASKA. Ċesri tkellem, skiet! (*Mużika tieqaf*)
KALP. Hawn, ja sidi.
ĊESRI. Qis li ssib ruħek fit-triq sew t'Antonju
Xħin dan ikun għaddej fil-ġirja. Antonju!
Ant. Ċesri, ja sidi?
ĊESRI. Antonju, la tinsiex fil-ġirja tiegħek
Tmiss lil Kalpurnja; għaliex jgħidu x-xjuħ
Li l-ħwieli, milqutin f'dil-ġirja mqaddsa,
Jeħilsu minn dis-saħta.
ANT. Dan niftakru:
'Kk Ċesri jgħid, "Agħmlu dan," ikun magħmul.
ĊESRI. Imxu, tħallux xi ċerimonja barra. (*Mużka*).
SAĦĦAR. Ċesri!
ĊESRI. Ah! Min sejjaħ?
KASKA. Jieqaf kull ħoss: jiskot kulħadd darb'oħra!
ĊESRI. Min hu dak li mill-kotra qed isieħli!
Jien nisma' lsien, aktar irqiq mill-mużka,
Jgħid, "Ċesri!" Tkellem; Ċesri dar biex jisma'.
SAĦĦAR. Barri l-ħmistax ta' Marzu.
ĊESRI. Min hu dan?
BRUTU. Saħħar ibeżżgħek mill-ħmistax ta' Marzu.
ĊESRI. Ġibuh quddiemi ħalli nara 'l wiċċu.
KASS. Oħroġ mill-kotra, erfa' għajnejk lejn Ċesri.
ĊESRI. X'għadek kemm għidtli? Tkellem għaldarb'oħra.
SAĦĦ. Barri l-ħmistax ta' Marzu.
ĊESRI. Dan xi ħalliem; ejja nħalluh: oħorġu.
(*Trombi. Joħorġu lkoll barra* BRUTU *u* KASSJU.
KASS. Int sejjer biex tarah tqassim il-ġirja?

BRUTU. Mhux jien.
KASS. Nitolbok, mur.
BRUTU. Ma nħobbx il-logħ'b: għax jien tonqosni biċċa
Mir-ruħ ħafifa li tinsab f'Antonju.
Ma rridx infixkel. Kassju, ix-xewqat tiegħek;
Jien se nħallik.
KASS. Brutu, ma nafx kif qed narak dan l-aħħar miegħi:
Għalija għajneik ma baqgħalhomx il-ħlewwa
U ta' l-imħabba x-xhud, li kont turini:
Qed tagħfas id wisq iebsa u barranija
Fuq il-ħabib li għadu jħobbok.
BRUTU. Kassju,
La titqarraqx: jekk ħarsti hija miksura,
Il-bixra mnikkta tiegħi tixħed tajjeb
Dak li nħoss fija. Għax ninsab imħawwad
Dawn l-aħħar granet b'aktar minn hemm wieħed,
Bi ħsibijiet li jolqtu lili waħdi,
Li, naħseb, jgħarrqu ftit l-imġiba tiegħi.
Iżda m'għandhomx għalhekk jitnikktu ħbiebi
(Li fosthom, Kassju, jiena wkoll ngħodd lilek),
W anqas jifhmu xort'oħra l-bruda tiegħi.
Jekk Brutu mseiken, bih innifsu mħabbat,
Imħabbtu jinsa juri lill-oħrajn.
KASS. Immela, Brutu, jien tqarraqt wisq fuqek;
U kien imħabba f'hekk li s-sider tiegħi
Difen ħsibijiet għolja u tħassib siewi.
Għid, twajjeb Brutu, tista' tara 'l wiċċek?
BRUTU. Le, Kassju: ħadd ma jara lilu nnifsu
Jekk mhux b'xi mera, inkella b'xi ħaġ'oħra.
KASS. Hekk hu:
Ħaġa li titħassarha wisq, ja Brutu,
Li int m'għandekx miria bħal dawn li juru
F'għajneik is-siwi moħbi tiegħek, ħalli
Tilmaħ lilek innifsek. Jiena smajt
Li bosta mill-aħjar irġiel ta' Ruma
(Barra Ċesri immortali), isemmu 'l Brutu
U jingħu taħt il-madmad tqil ta' żmienna,
Xtaqu li Brutu jħares lejh innifsu.
BRUTU. F'liema tiġrib trid iddaħħalni, Kassju,
Jekk int iġġ'għalni ngħarrex fija nnifsi
U nfittex dak li fija ma jinsabx?
KASS. Immela, Brutu, oqgħod ftit ismagħni:
U jekk ma tistax tara s-sura tiegħek
Aħjar minn b'mera, jien, il-mera tiegħek,

Bil-ħlewwa nneħħi s-star sabiex nikxiflek
Dak l'int għadek ma tafx fuqek innifsek.
U taħsibx ħażin fija, twajjeb Brutu:
Kieku kont xi daħħak, jew b'ħalfa fiergħa
Inbigħ bi rħis imħabbti 'l kull min jiġi
Jurini ħbiberija; jekk qatt rajtni
Inżiegħel bil-bnedmin, ngħannaqhom miegħi,
Imbagħ'd ninqeda bihom; 'kk taf li qatt
Urejt fl-ikliet ħbubija 'l-karfa kollha,
Żommni bi bniedem li jeħtieġ taħirbu. (*Għajat minn ġewwa*).

BRUTU. Xi jfisser dan l-agħjat? Nibża' li n-nies
Għażlet lil Ċesri b'sultan tagħha.

KASS. Tibża'?
Mel'inti ma tixtieqx illi jkun hekk?

BRUTU. Le, Kassju; madankollu nħobbu ħafna.
Iżd'int għaliex qiegħed iżżommni miegħek
Hawnhekk fit-tul? Xinhu dak li trid tgħidli?
Jekk hi xi ħaġa tajba għall-ġid tal-kotra,
Urini l-ġieħ f'għajn waħda, u l-mewt fl-għajn l-oħra,
U jien inħares xorta lejn it-tnejn;
Għaliex, quddiem l-allat, wisq aktar ngħożż
L-isem tal-ġieħ milli tbeżżagħni l-mewt.

KASS. Li f'sidrek, Brutu, tħabbat qalb hekk kbira
Nafu hekk tajjeb daqs kemm naf lil wiċċek.
Tajjeb immela, fuq il-ġieħ se nkellmek.
Ma nistax ngħid kif int u l-bnedmin l-oħra
Tqisuha din il-ħajja; ngħid għalija,
Kont aktar nagħżel ma ngħix xejn, inkella
Nibqa' ngħix hekk mistagħġeb bija nnifsi.
Daqs Ċesri twelidt ħieles; hekk ġejt inti:
Daqsu mitmugħin tajjeb; u t-tnejn nistgħu
Nilqgħu l-ksieħ xitwi daqs kemm jilqgħu hu.
Għax darba, f'jum imqalleb b'riħ u xita,
It-Tevri mqanqla togħla għax-xtut minn tagħha,
Ġie Ċesri u qalli, "Għandek ħila, Kassju,
Taqbeż f'dan l-ilma mbergħen flimkien miegħi,
U tgħum san-naħa l-oħra?" Jien, ma' kelmtu,
Liebes kif kont, qbiżt niġri ġewwa x-xmara,
U għidtlu jiġi wrajja; hu hekk għamel.
Riegħed il-wied; w aħna ssarajna miegħu
B'dirgħajn qawwija, naqdfu u ngħoddsu rjusna
Ġo fih, bi qlub imhejja għat-taqbid:
Iżda qabel ma lħaqna x-xtajta l-oħra,
Ċesri talabni, "Għinni, għax se negħreq!"

Kif darba Eneja ta' qabilna ħataf
Min-nar ta' Troja fuq kitfejh 'l Ankiże,
Hekk jien tellajt mill-mewġ qalil tat-Tevri
Lil Ċesri, għajjien mejjet: u dal-bniedem
il-lum sar alla; u Kassju baqa' ħlejqa
imsejkna, li jenħtieġlu jniżżel rasu
'Kk Ċesri jfettillu jnares biered lejh.
Hu kellu d-deni meta kien fi Spanja,
U jien fl-aqwa tal-marda tiegħu imaħtu
Jitriegħed: tabilħaqq, dan alla triegħed:
Dawk ix-xofftejn bezziegħa tilfu lewnhom;
Dik l-istess għajn li l-lum qed tbażża' d-dinja
Rabbiet iż-żlieġa: jiena smajtu jingħi:
U dak il-lsien, li amar lir-Rumani
Jisimgħu minnu, u jniżżlu f'kotba kliemu,
Jien smajtu jgħid, "Titinju, tini nixrob,"
Bħal tifla ma tiflahx. Allat! nistagħġeb
Kif bniedem hekk imsejken kellu l-ħila
Jisboq hekk f'qasir żmien did-dinja kbira
U waħdu biss iżomm il-palm tar-rebħ. (*Għajat minn ġewwa*).
BRUTU. Qed terġa' l-kotra tgħajjat!
Wisq naħseb li dal-ferħ huwa t-tifsira
Ta' xi ġieħ ġdid imqiegħed fuq ras Ċesri.
KASS. X'tistenna! Bħal Koloss rikeb did-dinja
Dejqa minn tagħna, w aħna bnedmin ċkejkna
Ngħaddu minn taħt riġlejh m'ogħla hawn, u nħarsu
Madwarna, u nfittxu għalina qabar minsi.
Xi drabi l-bnedmin stess isawru triqthom:
Il-ħtija li aħna rsiera, għażiż Brutu,
Hi tagħna nfusna, u mhux tal-kwiekeb tagħna.
Brutu u Ċesri: x'jista' jkun hemm f'dak "Ċesri"?
Għaliex aktar minn tiegħek ismu msemmi?
Iktibhom ħdejn xulxin, it-tnejn sbieħ xorta;
Għidhom it-tnejn, jixirqu t-tnejn fil-fomm;
Fl-użin indaqs jiswew; ħaqqaq f'isimhom,
Brutu jdeħixlek ruħ malajr daqs Ċesri.
Għalhekk, f'isem allatna kollha f'daqqa,
X'ikel dan Ċesri tagħna qiegħed jiekol
Biex sar hekk kbir? Kif sirt, ja żmienna, mgħajjeb!
Ja Ruma, tlift il-ġidd ta' kull demm għali!
Qatt mid-dilluvju 'l hawn kien hemm żmien ieħor
Li baqa' mfaħħar biss f'ġieħ bniedem wieħed?
Sata' qatt xi ħadd jgħid bħal-lum li Ruma
F'ħitanha wiesgħa ma wesgħetx ħlief bniedem?
Iss'hi Ruma tassew, u mkien biżżejjed

Li fih il-lum ma hemmx għajr bniedem wieħed.
O, int u jien smajnieħom lix-xjuħ tagħna
Jgħidu li darba kien hemm Brutu mhejji
Jaħmel xitan misħut jisserdek f'Ruma
Daqs kemm jaħmel sultan.

BRUTU. Li tħobbni tabilħaqq, jien qatt ma niċħdu;
Sa fejn tixtieq twassalni, nista' naħsbu:
Xi ħsibt fuq dak li għidtli u fuq daż-żmien
Ngħidlek fit-tul darb'oħra; imma għal issa,
F'ġieh imħabbitna, ma rridekx tissokta
Tqanqalni iżjed. Jiena dak li għidtli
Nisimgħu b'sabri, imbagħ'd insib ħin xieraq
Biex nisma' u nwieġeb ħwejjeġ hekk għoljin.
Sa dak il-waqt, ħabib, żomm sewwa f'rasek,
Li Brutu jagħżel illi jkun raħħal,
Milli jżomm lilu nnifsu b'iben Ruma
Taħt din il-qagħda mwiegħra li daż-żmien
Aktarx se jixħet fuqna

KASS. Ninsab ferħan li kliemi msejken kebbes
Xrariet ta' nar hekk qawwi f'sider Brutu.

BRUTU. Il-logħ'b intemm, u Ċesri rieġa' lura.

KASS. Xħin jgħaddu, 'l Kaska iġbdu ftit mill-komma,
Biex, kif jaf hu, jtarraflek fuq dak kollu
Li ġara l-lum, li tajjeb jekk tkun tafu.
(*Jerġa' jidħol ĊESRI u ta' madwaru*).

BRUTU. Hekk nagħmel, iva. — Iżda, ħares, Kassju,
Qed nara jleqq il-għadab fuq ġbin Ċesri,
Dawk ta' madwaru qishom klieb mismuta:
Sfajrin ħaddejn Kalpurnja; u Ċiċeruni
Għajnejh qishom ta' nemes imkebbsin
Kif dlonk rajnieh fil-Kapitolju, meta
Xi senatur ikun merieħ fi kliemu.

KASS. Kaska dal-waqt jgħidilna sewwa x'ġara.

ĊESRI. Antonju!

ANTON. Ċesri?

ĊESRI. Madwari nixtieq nies li huma smien;
Nies b'x'għarhom mieles, u li l-lejl jorqduh.
Dak Kassju l-ħarsa tiegħu niexfa u mġewħa;
Hu jaħseb wisq; nies bħalu ibża' minnhom.

ANTON. Iżd'hu mhux bħalhom, Ċesri, tibżax minnu;
Hu Ruman nobbli u għandu qalbu f'idu.

ĊESRI. Mhux li kien eħxen! 'Ma ma nibżax minnu:
Jekk madankollu ismi sata' jibża',
Ma nafx lil min kont naħrab hekk malajr
Daqs dak il-magħlub Kassju. Jaqra ħafna;

U jgħarrex sewwa, u jħares b'għajn ta' seqer
F'għamil in-nies; ma jħobbx imur f'tijatri,
Bnalek, Antonju; u xejn ma jisma' mużka;
Jitbissem darba fil, u b'mod li taħsbu
Jiddieħek u jeħodha miegħu nnifsu
Għax hekk ħafif li għal kull xejn jitbissem.
Nies bħalu qatt ftit siem ma jkollhom f'qalbhom
Meta jaraw xi bniedem aqwa minnhom;
W għalhekk jenħtieġlek tibża' ħafna minnhom.
Jien aktar ngħidlek wieħed x'għandu jibża'
Minn x'nibża' jien; għaliex jien Ċesri dejjem.
Dur għal-lemin, għax trux minn din il-widna,
U għidli sewwa x'taħseb inti fuqu.

(*Trombi. Joħroġ* ĊESRI, *u ta' madwaru, barra* KASKA.

KASKA. Ġbidtni mill-komma; jaqaw trid tgħidli xi ħaġa?

BRUTU. Għidli ftit, Kaska, x'ġara l-lum biex Ċesri
Jidher hekk wiċċu mqarras?

KASKA. Kif! imma intom kontu miegħu, mhux tassew?

BRUTU. Kieku ma kontx nistaqsi 'l Kaska x'ġara.

KASKA. Ħeqq, riedu jagħtuh kuruna; u hu, meta ressquhielu, **warrabha bid-dahar** t'idu, hekk: imbagħad in-nies infexxet tgħajjat.

BRUTU. U t-tieni ħamba x'kienet?

KASKA. Ih, għalhekk ukoll.

KASS. Tliet darbiet għajtu: x'kienet l-aħħar għajta?

KASKA. Ara dan, imħabba f'hekk ukoll.

BRUTU. Għal tliet darbiet tawhielu dil-kuruna?

KASKA. Iva, mela! u hu għal tliet darbiet warrabha, kull darba aktar bil-ħlewwa minn qabel; u kull darba li beda jwarrabha, dawk in-nies twajba tagħna bdew igħajtu.

KASS. U min ried jagħtihielu?

KASKA. Sabiħa din, Antonju.

BRUTU. Għidilna sewwa x'ġara, twajjeb Kaska.

KASKA. Ma nafx ngħidlek sewwa sewwa kif ġrat dil-ħaġa: għalija ma kinetx ħlief biċċa bluha: jien ma stagħġibt xejn. Rajt lil Mark Antonju jnewwillu kuruna; — għad li ma kienet kuruna xejn, iżda waħda minn dawn il-klejliet żgħar; — u, bħalma għidtilkom, warrabha b'idu: iżda b'dan kollu, jidhirli jien, b'qalbu kollha kien jeħodha. Imbagħad ried jagħtihielu darb'oħra, u mill-ġdid reġa' warrabha; imma jien naħseb li subgħajh b'xejn ma riedu jinqalgħu minn fuqha. Imbagħad reġa' ressaqhielu għat-tielet darba, u għat-tielet darba reġa' warrabha: u kull darba li kien jiċħadha, il-karfa kienet tgħajjat u ċċapċap idejha mfellin bix-xogħol, u tgħolli l-brieret ta' bil-lejl kollha maħmuġin bil-għaraq, u joħorġu minn fommhom hekk nifs jinten, għax Ċesri ma laqax il-kuruna, li għal ftit ma ħan-

quħx; għax ħassu ħażin, u waqa' fl-art. Ngħid għalija, ma ssugrajtx nidħak, għax bżajt li niftaħ ħalqi u nibla' dik l-arja ħażina.

KASS. Bil-mod, nitolbok: kif, ħassu ħażin?

KASKA. Waqa' hemm fil-misraħ, beda joħroġ ħafna ragħwa minn ħalqu, u ma felaħx jitkellem.

BRUTU. Hekk jista' jkun: għax hu jagħtih tal-qamar.

KASS. Le, Ċesri mhux marid; iżd'int u jiena
U t-twajjeb Kaska morda b'mard il-qamar.

KASKA. Jiena ma nafx xi trid tgħid b'dan; imma li Ċesri waqa', rajtu b'għajnejja stess. U jekk mhux minnu li t-tajfa ċapċpitlu jew saffritlu, kull darba li huwa kien jogħġobha jew ma jogħġobhiex, bħalma mdorrijin jagħmlu ma' l-atturi fit-tijatru, jien miniex raġel li jgħid is-sewwa.

BRUTU. U taf tgħidilna x'qal wara li stejqer?

KASKA. Mela! qabel ma waqa', xħin fehem li dawk iċ-ċħatar ferħu għax ma laqax il-kuruna, fetaħ il-għonq tal-libsa u qalilhom biex jaqtgħulu gerżumtu. Kieku kont raġel tas-sengħa, nirrani mmur l-infern qalb il-ġwejjef kollha jekk ma kontx naħtfu fil-kelma. Imbagħad waqa'. Meta reġa' ġie f'tiegħu, qalilhom li jekk għamel jew qal xi ħaġa barra minn lokha, jixtieq li s-sinjurija tagħhom tagħder is-saħħa dgħajfa tiegħu. Tlieta jew erba' ċakkara, li kienu qrib tiegħi, qalu, "Miskin, kemm hu minn tagħna!" u ħafrulu b'qalbhom kollha; imma nies bħal dawn ma tridx tagħti każ tagħhom; kieku Ċesri qatlilhom 'l ommijiethom, xejn inqas ma kienu jagħmlu.

BRUTU. Kien wara dan li telaq b'wiċċu mqarras?

KASKA. Iva.

KASS. Qal xi ħaġa Ċiċerun?

KASKA. Iva, tkellem bil-Grieg.

KASS. Għalfejn?

KASKA. Min jaf! jekk ngħidlek għalfejn, ma nerġax inħares lejn wiċċek darb'oħra; imma dawk li fehmuh bdew jitbissmu wieħed lil ieħor, u jċaqilqu rashom; iżda min-naħa tiegħi, dak kien Grieg għalija. Nista' wkoll nagħtikom aħbarijiet oħrajn: Marullu u Flavju, għax neħħew it-tiżjin mix-xbihat ta' Ċesri, għalqulhom ħalqhom. Is-sliem għalikom. Kont ngħidilkom il-ħmerijiet l-oħra li ġraw kieku stajt niftakarhom.

KASS. Il-lejla tiġi tiekol miegħi, Kaska?

KASKA. Le, mistieden għand ħaddieħor.

KASS. Tiġi għall-ikla għada?

KASKA. Iva, jekk inkun għadni ħaj u inti tibqa' tiftakar, u jekk l-ikla tiegħek tkun xierqa.

KASS. Tajjeb: jien nistenniek.

KASKA. Hekk agħmel. Is-sliem għalikom. (*Joħroġ.*)

BRUTU. Ma nafx kif sar hekk biered dan il-bniedem!
Kien wisq fuq ruħu meta kien l-iskola.

KASS. Hekk għadu l-lum kull meta jaħsel jidħol
Għal xi biċċa xogħ'l iebsa u għolja ħafna,
Għalkemm minn barra aktarx taħsbu rieqed.
Imġibtu hi għal dehnu qisha ħwawar
Li jġiegħlu lill-bnedmin jixtarru kliemu
B'togħma wisq aktar bnina.

BRUTU. Iva, hekk hu. Jien se nħallik għal issa:
Għada, jekk jogħġbok li titkellem miegħi,
Niġi jien għandek; jew jekk tkun trid tiġi,
Ejj'għandi int, inkun qed nistenniek.

KASS. Niġi: sa dak il-ħin aħseb fiex aħna. (*Joħroġ* BRUTU.)
Brutu, int nobbli; madankollu naħseb
Li ruħek kbira għandha mnejn tintlewa
Minn dak li hi: għalhekk hi ħaġa xierqa
Li fehmiet kbar jagħmluha m'oħrajn bħalhom;
Għax min hekk sħiħ li ma jistax jitqarraq?
Ċesri ma jaħmilnix; 'ma 'l Brutu jħobbu:
Bħal issa li kont Brutu, u huwa Kassju,
Ma kontx nerħilu jżiegħel bija. Il-lejla
Nixħetlu minn ġot-twieqi bosta ittri,
B'kitba li waħda ma tkunx tixbah 'l oħra
Bħalkieku miktubin minn ħafna idejn,
Li kollha jkunu jfissru l-fehma għolja
Li Ruma għandha t'ismu; u ngħidlu fihom
Minn taħt kemm Ċesri jfittex li jitgħolla:
Imbagħ'd ħa jqiegħed Ċesri riġlu tajjeb.
Għax inqanqluh, jo' ż-żmien aktar jitgħajjeb. (*Joħroġ*).

---

# Kotba Mqaddsa

Ir-Rev. E. Sutcliffe, S.J., M.A., li joqgħod f'Heythrop College, Chipping Norton, Oxford, jixtieq jixtri in-numri 1, 2, 3, 4 u 10 tal-*Kotba Mqaddsa* tal-Prof. P. P. Saydon. Dawk li għandhom xi wieħed minn dan-numri jibagħtuh lilu jew lill-Editur ta' dal-ġurnal.

## XJENZA........

*Ħarġu mid-dlam l-egħġubijiet kotrana*
*B'għodod ix-Xjenza; u safa'. ċ-ċkejken kbir,*
*Il-b'għod ġie ħdejna b'lentijiet setgħana,*
*Il-ħajja, fuq liżar, mill-ġdid issir.*

*Mhux kull ma miet imut: il-kliem u l-għana*
*Jiġġeddu f'disk, b'leħenhom, mat-tidwir;*
*Meww ġ l-ajru jwassal f'berqa l-ilħna tagħna,*
*Bħall-art u l-baħar l-ajru safa' lsir.*

*Imbierek għerf il-bniedem li sar jara*
*L-iġsma minn ġewwa, u sab fejqan mardiethom*
*B'għodod tal-għaġeb u duwiet saħħara.*

*'Ma qalbi tgħid — li kienet ħolma din! —*
*"Ix-Xjenza tgħaqqad l-artijiet bejniethom*
*Biex targa' mbagħad tifridhom minn xulxin!"*

Dun Frans Camilleri.

## IX-XEMX TA' MEJJU

*Hija din bewstek, xemx ta' Mejju rżina,*
*Li qiegħda xxaħxaħ iż-żiffa tar-rebbiegħa?*
*Għax hawn, waqt li dwari l-vjoletti ċkejkna*
*Qegħdin ifewħu l-arja,*
*Inħoss bħal nifs għajjien, għajjien jissajja,*
*Mgħobbi, għaddej b'erwieħ blanzuni ġodda,*
*Biex itihom il-ħajja.*
*Int tħares kollok ħniena; ħalib sidrek*
*Jiftaħ il-qronfla; u ġmielek*
*Urajh isaħħar għajnejn il-ward tax-xemx.*
*Nara fuq kollox in-Natura għaddejja,*
*B'rabta ta' mħabba torbot il-ħolqien;*
*Imbagħad inkiss, inkiss,*

*Tmiss 'il għajnejja u taħbihom f'ħolma,*
*Tisqi lil sidri b'għaslitha bnin u ħlejju,*
*U, taħt il-bewsa ta' Mejju,*
*Twilled, żagħżugħa, fija,*
*Il-Poeżija.*

24.5.52.

Ġ. B. Cassar.

## SANGRE Y ARENA

*Fis-swali tal-palazzi kbar ta' Ruma*
*Intfew id-dwal tal-linef u l-fanali,*
*Waqaf iż-żfin tan-nisa sbieħ, mibruma,*
*Ma baqa' xejn mill-għors tal-Bakkanali!*

*U dbiel il-ward quddiem ix-xbieha żienja*
*Ta' Venus l-alla ħatja ta' l-imħabba.*
*Spiċċa l-għajat bla lġiem ta' l-irġiel hienja*
*Mitlufa f'sakra ta' tbahrid li jtabba'.*

*Issa tinstama' karba. F'nofs l-arena*
*Fl-Anfitejatru kbir tal-Belt kburija,*
*Martri ta' Kristu qed imut — il-hena*
*Tinqara fuq għajnejh bla dell ta' ħtija—*

*U minn ġol-ġrieħi għal fuq l-art ramlija,*
*Niżlin jikwu daqs xrar il-qtar tad-dmija.*

31-v-51. P. Marianus Vella O.F.M.

## LURA LEJN MALTA

*U dur u dur wasalna minn fejn tlaqna;*
*kollox bħalma kien qabel jerġa' jsir;*
*U min fuq l-Alpi wisq ħieles iġġerra,*
*Tax-xogħol u sħabu jerġa' jaqa' lsir.*

*Iżda minn moħħu xejn ma jista' jneħħi*
*It-tifkiriet ta' dak li raw għajnejh*
*U jekk irid, f'xi siegħa ta' tbatija,*
*Jista' l-ġmiel li ra isejjah ħdejh;*

*U jerġa' jara il-muntanji għolja,*
*Ix-xmajjar jerġa' jisma' fil-widien,*
*Il-ħdura, ix-xemx, is-silġ, il-baħar ikħal,*
*U bliet u rħula sbejħa kullimkien.*

*Għalhekk min jerġa' jidħol lejn id-dar*
*Qatt m'huwa l-istess bniedem li jkun mar.*

1951. E. Agius.

UNIVE

## ŻMIEN U MĦABBA

*Kif il-fewġa, fi żmien il-ħarifa,*
*Tgerbeb magħha 'il-weraq nixfin,*
*U lis-siġar, għajjiena w midruba,*
*Tħalli mbeżżgħa mill-ljieli xitwin,*

*Hekk, ħanini, ix-xjuħija, għad tagħmillek,*
*Hekk sbuħitek għad togħsfor maż-żmien;*
*Kull ġmiel tiegħek jintilef fi ħdanha*
*Xħin bis-serqa lejk joqrob iż-żmien;*

*U minn fommok tgħib silekta t-tbissima,*
*Għajnejk koħol jimtelgħu bid-dmugħ,*
*Minn fuq ġbinek, il-warda ta' ħmura*
*Għad tidbiel, w ma tibqax iktar tfuħ.*

*Iżda għid, liema riefnu mewwieti,*
*Jista' jġarraf u jtemm mħabbti lejk:*
*Bħaż-żokk oħxon tas-siġar imneżżgħa*
*Tibqa' mħabbti sa għeluq għajnejk.*

A. MANARA.

## VERSI LIL M......

*Meta għajnejja jittaqqlu bil-bewsa tan-n'għas*
*U l-lejl jitla' jsaltan fuq ħlejjaq reqdin,*
*Meta ħsiebi jintilef fil-ħondoq tal-ħolm*
*Biss wiċċek idawwal dawk l-oqsma mdallmin.*

*Meta taħt ix-xemx ta' Mejju ndur qalb il-ħdura*
*U nisma' t-tħaxwixa tal-weraq mar-riħ,*
*Nistħajjilhom itennu dak ismek għalija*
*U nifraħ li l ismek sal-fewġa tgħannih.*

*Iżda meta niftakar li mħabbtek b'għod minni*
*U kollu għalxejn li nixxennaq għalik,*
*Nixfa kbira flok bewsa jġarrbu xufftejja,*
*U f'telfa nintilef, bi ħsiebi biss fik.*

A. MANARA.

## PUCCINI U L-"CORO DEI MUTI."

*Kien miexi mal-għadira ħdejn it-Torri*
*bil-frejgatina, bi xkubetta kbira,*
*imħażżem b'ċinturin kollu skartoċċi,*
*bil-kelb fil-pruwa,*

*igħarrxu t-tnejn għall-borok u l-gallini.*
*Kienu għaddew ġurnata tassew sbejħa,*
*qabdu ħafna kaċċa għax il-passa*
*kienet tal-għaġeb.*

*'Mma f'daqqa waħda beda jħoss in-noti*
*f'widnejh igelglu; bla ma kien ittenda,*
*is-Setgħa kbira li mill-blat u l-ħamri*
*tislet l-inbid*

*ġol-għenba, li minn l-arja ta' madwarna*
*tislet id-daqq ġol-arpa, kienet daħlet*
*mill-bieb magħluq ġo moħħu w ġewwa qalbu,*
*u bdiet iddoqq......*

*Telaq l-imqadef, nesa l-kelb u d-dgħajsa,*
*u ħareġ karta, w beda jikteb jikteb......*
*Kiteb il-kor bla kliem li jagħlaq ħlejju*
*it-tielet Att*

*tal-Madame Butterfly, li jibki l-ġrajja*
*t'eluf minn ta' tfajliet ta' mingħajr xorti,*
*tfajliet illi ħabbew u ġew traduti*
*fl-imħabba safja......*

*tfajliet meqruda minn mard kbir f'żogħżithom......*
*tfajliet li l-mewt bla qalb jew id il-qilla*
*serqithom mill-għarus...... tfajliet bla xorti,*
*li mhux bħal Tosca,*

*bħal Mimi w Butterfly sabu min jgħanni*
*il-ġrajja tagħhom, niżlu ġewwa l-qabar*
*ġwejdin weħidhom, minn kulħadd minsija*
*illum għal kollox!*

*Kif ħarġet l-aħħar nota ta' mogħdrija,*
*Puċċini lemaħ illi d-dgħajsa kienet*
*dieħla ġol-blat. qabad malajr l-imqadef,*
*u beda jaqdef.*

*Is-Setgħa kbira li fix-xitwa tgelgel*
*l-ilma minn ġol-miżieb kienet telqitu;*
*il-kelb lemaħ wiċċ sidu qed jiċċara,*
*u bi tbissima.*

*U qadfu lejn id-dar, u dik il-lejla*
*instemgħet fuq il-pjanu ġewwa l-villa*
*tħannina ġdida, ħliqa ġdida ġdida,*
*li kellha tibqa'*

*Tittajjar ġewwa l-arja dwar id-dinja,*
*tibki bħar-rożinjol kull fil-għaxija*
*il-ġrajja msejkna ta' tfajliet bla xorti*
*sa jmut il-qamar.*

27/6/52. A. Buttigieg.

## WAĦDI TLAJT

*Waħdi tlajt*
*l-għoljiet xemxija*
*taż-żgħorija;*
*ħadd ma qalli*
*x'għandi nsib......*
*b'għod...... jew qrib.*
*Waħdi sibtha l-lehma tiegħi*
*dak inhar li tgħannqet miegħi*
*is-Sbuħija ! !*
*Lejl u nhar,*
*Ġunju...... Frar......*
*Kollox xorta minn għalina*
*basta l-ħajja dejjem ħajja.*
*Hekk għaddew......*
*leħħu...... ntfew......*
*l-isbaħ snin*
*minn ġuf dinja qerridija*
*misruqin.*
*'Ma fil-ħarba ta' snin twal*
*tbiddlu d-dwal......*
*Kollox jagħti fis-sewdieni......*

*Aktarx tinsa l-lewn ewlieni......*
*'Ma s-Sbuħija għadha miegħi,*
*taqsam ferħ u dwejjaq tiegħi......*
*Għadni dejjem, dejjem* jien,
*anki jekk kiebi w għajjien —*
*il-Poeta taż-Żgħorija,*
*il-Poeta tas-Sbuħija!*

1952. R. BRIFFA.

## NIFTAKAR

*Niżla wieqfa taħt ħarsti*
*Tasal sa' xatt il-baħar,*
*Tiżwiq ta' lwien u ħdura......*
*Kollox, kollox niftakar:*

*Meta hienja r-rebbiegħa*
*Qabżet bil-ferħ ġo fija,*
*Meta ġo ħbub għajnejja*
*Dehret titbissem dija:*

*L-Imħabba, qisha xbiha*
*Ta' ħolma ftit mistura;*
*Tiċċara, 'mbagħad, u tieħu*
*Ta' warda mbexxqa s-sura;*

*Sakemm f'għodwa sabiħa*
*Naraha tqum fuq ġenbejha,*
*Tixgħel tbissima f'fommha,*
*Iħammar bħal nar f'ħaddejha.*

*Bħal meta n-naħla, msakkra*
*Bil-għasel ta' ġol-fjura,*
*Ferrieħa tfeġġ u tifrex*
*Ġwinħajha kollha sfura,*

*Hekk xorbot qalbi, u ssakkret*
*Minn fuq xuftejn l-Imħabba;*
*Ferrieħa, mbagħad, hi xxaħxħet,*
*Ma ratx in-nar li trabba:*

*L-abjad irħam, l-avorju,*
*Is-sbuħija ta' laħamha,*
*Fis tbiddlet f'nar li dewweb*
*Ġisimha qisu xema'.*

*U l-għanja sfat tnehida,*
*u l-ħlewwa sfat imrar,*
*U l-ferħ minn ħbub għajnejja*
*Intefa' bil-mod u mar......*

*Niżla wieqfa taħt ħarsti*
*Tasal sa xatt il-baħar;*
*U hawn bid-dmugħ f'għajnejja*
*Kollox, kollox niftakar.*

30/1/50. J. B. CASSAR.

## KLAWSURA

*Fil-paċi ta' kamra bla ħajja,*
*imbiegħda mill-ħars tal-bnedmin,*
*mitfugħa għarkubbtejha*
*b'kuruna f'idejha,*
*fil-ġabra w fil-kwiet*
*qed titlob lil Dak li biex fdiena*
*issallab u miet.*

*Ebda ħoss.*
*Waqtiet tisma' t-tislima:*
*Viva Ġesù! Viva Marija!*
*Sikta ma' kullimkien,*
*donnu bla ħajja l-ħolqien.*

*Hemm ġew,*
*f'dak il-Kunvent*
*rieqed fil-kesħa tal-mewt,*
*ma tarax*
*ħlief id-dija ta' l-aħħar xemx titriegħed,*
*u ma tismax*
*ħlief qanpiena titniehed.*

*Ebda ħoss.*
*Is-Soru qed titlob lil Alla maħbub,*
*ħarsitha fil-ħarsa ta' Kristu Mislub:*

*Ismagħni, Ġesù,*
*mid-dinja ħrabt jiena,*
*muġugħa, għajjiena,*
*arani f'riġlejk*
*infittex il-maħfra u l-ħniena.*
*Int ġbartni mit-triq.*

*In-nies daħket bija,*
*u għamlet għalija,*
*kont bla familja, bla dar,*
*kont miexja mar-riħ,*
*bla isem, bla ġieħ.*

*Ġesù.........*
*Jien mara li dnibt,*
*jien mara li għext fid-dalma tal-lejl,*
*u bkejt, mifnija bl-uġigħ*
*kull ħin, bla mistrieħ.*
*Ġesù.........*
*Kont bil-ġuħ u Int tmajtni,*
*kont marida, u Int fejjaqtni.........*
*fejjaqtni bl-Imħabba*
*li d-Dinja ċaħħdithieli,*
*Int biss illi tajthieli.*

*Hawnhekk,*
*fid-dlam sibt id-Dawl,*
*fl-egħluq il-Ħelsien,*
*fil-mewt il-Qawmien.*
*Ġesù.........*
*f'kull għawġ u f'kull żmien,*
*nibqgħu ngħixu flimkien.........*
*flimkien.*

Ġużè' Chetcuti.

## IR-RANĠIŻ

(*Qlib mill-Ingliż "The Daffodils" ta' W. Wordsworth*).

*Bi ħsiebi ġrejt bħal sħaba baqdanija*
*Li fuq l-għoljiet ttittajjar mal-widien,*
*U f'daqqa rajt bħal f'dehra ta' sbuħija*
*Qatgħa ranġiż qishom tad-deheb, xi ġmiel!*
*Qrib lejn għadira f'żifna ferriħija*
*Bdew qishom jiżfnu mal-fewġiet tar-riħ.*

*Bħal kwiekeb li bil-lejl f'sema sewdieni*
*Iżejnu t-triq imsejħa ta' Sant'Anna*
*Hekk deher dal-ward mifrux fi ġmiel waħdieni*
*Tassew sabiħ iżejjen triq il-plajja.*
*O, kif jhennik it-tixjir tagħhom hieni*
*Qishom qed jiżfnu l-iżjed żifna ħajja!*

*Il-meẁġ ukoll issieħeb flimkien magħhom,*
*Iżd'huma għaddewh lill-meẁġ f'diż-żifna hienja*
*Għax kienu sbieħ tassew. B'kemm ġmiel sebbaħhom*
*Sid il-ħolqien! U kif jhennu 'l-poëta*
*Li fis jissieħeb hieni fl-għanja tagħhom.*
*Xi ġmiel, u x'ferħ did-dehra nisslet f'qalbi!*

*Għax spiss f'ħin il-mistrieħ, quddiem għajnejja*
*Narhom bil-ħsieb fil-ħemda ta' kull lejla,*
*Fis-skiet, o x'ferħ! Qishom iħarsu lejja!*
*U qalbi nħossha ttir bil-ferħ ġe' fija,*
*U dmugħ il-hena jġelben fuq ħaddejja*
*Biex huwa wkoll jissieħeb mar-ranġiż.*

Fr. Cherubin M. Farrugia O.C.

## IBEN IL-POEŻIJA

*Inħoss li jiena iben*
*Il-poeżija,*
*Din l-Omm li tgħammar f'qalbi*
*Hemm ġew' moħbija.*

*Din l-Omm li f'moħħi ssaltan*
*Fil-ħsieb qawwija,*
*Li tkun fil-ħin tal-għana*
*Titkellem bija.*

*Mhux jien inkun qe'd ngħanni,*
*'Ma tkun din Ommi*
*Li tiġi fil-ħin tagħha*
*Titkellem b'fommi.*

*Tkun hi li tixgħel moħħi*
*Bl-għerf tas-sbuħija;*
*Tkun hi li tqiegħed f'ħolqi*
*Il-kliem qawwija.*

*Din l-Omm li xħin għanjieti*
*Jaraw iż-żieda?*
*Tkun tagħti ġewwa fija*
*Titkellem b'fommi.*

*Din l-Omm li biha qalbi*
*Tinsab mimlija;*
*Li jiena ngħix għaliha*
*U hi għalija;*

*Din l-Omm li biex 'il qalbi*
*Fis-skiet infejjaq*
*Tkun hi li tqiegħed f'ħalqi*
*Il-ferħ u d-dwejjaq.*

*Inħoss li jiena binha*
*Din l-Omm qawwija*
*Li flok twelidt jien fiha*
*Hi twieldet fija.*

VINCENT CARUANA

## ATTITUDINI INTERROGATIVA. IL-MOĦĦ JOQGĦOD:

*Xafra doppja dubju jifridni mill-maħbuba*
*jqatta' lil-Jien il-Kbir is-sies ta' ruħi mejta*
*u mill-lenbija żmien, il-lembut iqattarli l-jiem*
*forma ta' misluta.*
*F'ġuf belliegħa jdamdmu l-mistoqsija.*

*Bil-ġilda tleqq u l-leħja mqaxxra sewwa*
*ma nafx se jberren f'rasi f'nofs mument,*
*se jkun leħħa ta' berqa jew tul etern tremend,*
*fis-soprannaturali?*
*Ġismi jimxi waħdu, ħotba tiela' dahri.*

*Dan mhux staġun fl-infern, din sena sħiħa*
*u forsi aktar minn hekk dan ma jmutx ġo fija*
*u forsi nibqa' doppju bil-jien u l-ieħor fejnu*
*f'diċ-ċkejkna kreatura?*
*Ħawwel wild id-dnub, bomba l-ħaxixa.*

*Ħaxħa faħma mħabbti u ġgant imgħaffeġ dini*
*b'thewdin id-dubju, saħħa f'qawwa mgħawġa*
*għamilni kif tarawni kobba mħabbla nervi, b'ġismi*
*forma ta' għaġuża.*
*Għajni barranija tħares fuq ta' ġewwa.*

*Issa trid tkun int maħbuba ta' bla dubju,*
*ħoll l-għoqda f'griżmi u aqla' għajni barra,*
*u Int Sidi Ħallieq li tajtni din il-virga*
*forma ta' salib,*
*għallimtni kif nissallab, għallimni kif nobdik.*

FRIN 52.

## IL-GĦENEB TAZ-ZIJA

*Kelli wieħed minn uliedi*
*Itaqtaqli ta' siwkit,*
*"Meta jsir l-għeneb taz-Zija,*
*Naqta' u niekol kemm irrid".*

*"Int fejn taf kemm għeneb għandha*
*"Pa! Xi ġmiel! U x'kull għanqud!*
*"Qishom linef dawk l-egħnieqed*
*"Sofor deh'b jew suwed tut!"*

*L-għeneb fl-aħħar waslet newbtu:*
*Beda jonfoħ, jimla, jsir.*
*Bdiet bih tgħajjat il-bejjiegħa.*
*Daqu l-għani u daqu l-fqir.*

*Sadattant ibni liz-Zija*
*Laħaq ra mhux darba u tnejn.*
*Imma tâmtu li din tieħdu*
*Magħha l-għalqa sfat fix-xejn.*

*"Għadu aħdar l-għeneb tagħna,"*
*Kienet tiġi tgħid id-dar,*
*Meta l-għeneb ta' ħaddieħor*
*Kien diġa' xaba' jisfar.*

*Wara Awissu ġie Settembru,*
*U sa x-xita tbexxex bdiet*
*"Erba' egħnieqed kollha marru!"*
*Tingħi għandna z-Zija ġiet.*

*Għar-Rużarju mbagħ'd Ottubru*
*Ra ġol-Knisja 'l-gabillott,*
*U minn hawn għal barra jpaċpaċ*
*Fuq għelejjel, ġwież u frott,*

*Sama' wkoll lil żewġ iż-Żija.*
*Bin Lukarda ta' Rużâr,*
*Jgħid u jdoqq kif għalqa dwieli*
*Kienet tatu għoxrin qantâr!*

6/ix/51. K. VASSALLO

## IL-BAĦAR

Il-baħar sardoniku w vast
Jibla' u jrid bla tmiem
Ma jistkerrhekx u mħabbtek
Xħin tixxarbu
Ilmiet ittajru u tidħku
U bħal tfal li ħarbu
L-ħafna t'omm u għajta
Taqbżu
Ġrieħi tbarrxu fil-firxa fluwida
Sħiħa samma xħiħa
Daqs driegħ is-sekli
Ma tħossx.

It-tfal li ħarbu
L-ħafna t'omm u għajta
Ma jibżgħux.
Biża' ma jafux u m'hemmx.
Xħin ġildithom kesħa xxewwek
Iħoll ir-rabta l-baħar
U jrodd lis-sħana ta' xugamani
Ġisimhom ċkejken

Iżd int m'intix it-tfal.
Ġismek muxgħar iriegħex jobrox
Oħxon bħal ħorn leħħek iriegħex
Is-sikta mdendla bħal alga
Fuq l-ibjar mudlama taż-żmien.

Kunu bħat-tfal ċkejknin......
Ma jogħġbokx il-ħsieb.
Dawk li ma' rkubbtejk jixxabbtu
Għall-ħelu jsaqsu
Domandi jsaqsu
Li biex twieġeb ma taqax
Bi tbissima tilgħabha ta' l-iġbla
Pinen ma jxejjrux
Inka f'galluni ma jċappsux fuq karta

X'jaraw għajnejhom
Midbiel bħal ħolm
Iwerżaq daqs technicolor,
Ma tafx
Kont taf u nsejt
Valur dubbjuż......

Ma dawk li mkeffna bojod
Imdawra b'tubi
Ġo żġieġ iqattru għajnhom
Ma' dawk li wiċċhom
Ħsieb bħal baffi jiksi
Isawru jsenslu tifsir astratt
Trid tnizżel ismek fir-reġistri tal-għerf

Nuqqas
Twegħir f'imħabba
Mar-Romantiċ' jitfgħek titnieħed,
Mili t'imħabba jweġgħak.
Bħal Rut għal s^hul titbaxxa
Sbul u qxur mid-dinja
F'gazzetti kull għodwa mxandra
Min miet u żżewweġ
Kif dak stagħna u
Kif l-ieħor ħonoqha f'sodda
Min tar, iltaqa' u x'qal......

B'danakollu rġiel kien hemm li l-baħar ħabb;
Il-mewġ bi bhur wittew minn iġfna
Li int bi tbissima ssejjaħ
Kaxex tas-suffarini
U s-sejħa tal-baħar ma tiskotx
Nistgħu xi darba nżewġu
Ir-raġel ċerebrali u l-baħar......
Ta' xulxin il-kisi jneħħu
Sigriet jafu
Bħal doġe xwejjaħ fi gwarniċ ta' riħ u melħ
Fil-fond iċ-ċurkett — ankra jwaddab.

Xi darba jew forsi wieħed jista' johlom wisq
Riħ bħal manna jżur l-uċuħ imbegħrna
U l-uġigħ itaffi tal-ħsieb li ma joħroġx;
U fuq baħar jgħammex ta' fil-għaxija
Dgħajjes jitbandlu
L-għanja tas-sajjied, inbid u difa
Iċ-ċafċifa ta' dejjem.

JOS. MEILAK.

# Il-Letteratura ta' Zminijietna

*minn* Ġ. Curmi, LL.D.

Jiena naħseb illi ħafna minn-nies li jaqraw fil-ġurnali l-istedina tagħna biex jiġu għal dawna l-laqgħat tal-Awturi Maltin igħidu bejnhom u bejn ruħhom: "X'daħlilhom f'rashom dawna l-erba' Awturi Maltin li jridu bil-fors isemmgħulna l-ħmerijiet ta' moħhom u l-ħmerijiet, forsi ikbar, ta' qalbhom, ħmerijiet li aħna ma rridux nisimgħu? Għadhom ma ntebhux li l-letteratura għamlitu żmienha u ma għandhiex għalfejn tibqa' teżisti? X'iridu dawn l-Awturi Maltin: imorru kontra l-kurrent? Ma jafux li l-letteratura llum tagħmel l-istess impressjoni li tagħmel libsa ta' ħamsin jew ta' mitt sena ilu: impressjoni ta' ħaġa qadima, ta' ħaġa li ma għadhiex aktar moda, impressjoni ta' antikalja, ta' moffa u ta' dwejjaq?

Ħafna igħidu li fiż-żmenijiet tal-bomba atomika l-letteratura m'hemmx postha: il-ħajja kontemplativa spiċċat. Qegħdin ngħixu f'ħajja ta' azzjoni, ta' veloċità, ta' invenzjonijiet xjentifiċi meraviljużi, ta' tibdil soċjali kbir li jagħti fisonomija ġdida liċ-ċiviltà. Il-letteratura hija ħaġa taż-żmien imgħoddi u għadha teżizti biss fl-iskejjel u fl-Universitajiet. Ir-raġel u l-mara tal-lum ma għandhomx ħin x'jaħlu wara l-fantasija tal-iskritturi: Jekk iridu jaraw romanzi, imorru ċ-ċine jew jagħtu daqqa ta' għajn ma' dwarhom u jaraw romanzi veri u mhux inventati.

Ħafna huma dawk li jaħsbu hekk għax l-umanità hija marida u minnflok il-mediċina qiegħda tieħu l-velenu u tmur dejjem għalagħar. Forsi l-ebda żmien daqs dak li qegħdin fih ma kellu bżonn ta' letteratura għax l-ebda żmien ma kien daqshekk materjalista u ma jimpurtah xejn mill-affarijiet għoljin tal-ispirtu. Il-letteratura mhix telf ta' żmien: l-iskritturi kbar jiftħulna orizzonti ġodda ta' seħer u ta' ġmiel, u jġegħluna naħsbu u nħossu aktar profondament. Barra minn dan huma jirrivelawlna lilhom innifishom, jiġifieri jiftħulna l-bibien li jwasslu għal dik id-dinja ta' kobor u ta' profondità li għandhom ġo fihom. U b'hekk juruna lilna nfusna għax iqanqlulna u jissublimawlna dawk il-ħsebijiet u sentimenti li jgħixu fina nfusna imma li aħna ma nafux naraw u nfissru. Dak li tagħmel il-letteratura. Il-kotba mhumiex biss paġni ta' karti stampati meħjuta flimkien b'legatura ftit jew wisq sabiħa: il-ktieb għandu ġo fih irruħ tal-bniedem: anzi huwa materjalizzazzjoni tal-ispirtu stess tal-bniedem: għalhekk tħabbat ġo fih il-qalb ta' l-umanità, bid-dramma

*Diskors ta' ġieħ li għamel Dr. Ġ. Curmi, il-President tal-"Għaqda tal-Awturi Maltin", fit-tieni Laqgħa Letterarja ta' din l-Għaqda li saret nhar l-Erbgħa, 14 ta' Jannar 1953, fl-Aula Magna tal-Università Rjali.

tal-imħabba u tal-mibegħda, tat-tajjeb u tal-ħażin, tal-faraġ u tan-niket, tal-ħajja u tal-mewt, bil-misteri tal-passjonijiet u tal-konsolazzjonijiet kollha. Il-ktieb huwa divertiment spiritwali tassew kbir li ma jaqbilx ma' divertimenti oħra bħal ma huma t-teatru, l-kunċerti, ċ-ċinematografu u l-football, għax dawn huma divertimenti kollettivi fejn aħna nieħdu sehem bħala atomi ta' folla; waqt li l-ktieb huwa divertiment ta' skiet u ta' ġabra: djalogu importanti u istruttiv bejn tnejn minn-nies biss: l-iskrittur u l-lettur.

Fid-dinja dejjem kien hemm, u għad hemm saħansitra fi żmienna, speċi ta' tiġrija bejn il-progress materjali u l-progress morali. Illum f'din it-tiġrija mexa ferm 'il quddiem il-progress materjali u l-progress morali ma mexa kważi xejn. Iċ-ċiviltà ta' pajjiż illum mhijiex aktar meqjusa mill-istandard ta' kultura li għandu, iżda mill-kwantità tal-industriji, mill-forza tal-luċelettrika, u mis-sbuħija tat-triqat u tar-roundabouts. Jiena ma'ngħidx li għandna mmorru lura u ngħixu mingħajr luċelettrika u mingħajr cars. Il-kumdità kulħadd iħobbha u hija neċessarja speċjalment meta nkunu drajniha. Jeħtieġ, però, li l-bniedem jaħseb ukoll fi ħwejjeġ oħra, jerfa' għajnejh fil-għoli, jeżerċita l-fakultajiet kollha li tah Alla u fuq kollox il-fakultajiet spiritwali.

Il-fatt hu li l-bniedem sar għażżien: ma jridx jitħabat u jħabbel rasu għal xejn, lanqas biex jiddeverti, aħseb u ara biex jeduka u jistruwixxi ruħu. Ma għadx hawn oriġinalità u ħeġġa: fil-għażż tiegħu l-bniedem sar passiv. Jekk irid jiddeverti jippreferixxi jintefa fuq pultruna u jara xi film mingħajr ma jitħabat. Jekk irid ikun jaf x'inhu qiegħed isir ma' dwaru fid-dinja, jippreferixxi jiftaħ ġurnal illustrat u jħares lejn l-istampi mingħajr lanqas ma jkollu bżonn juża għajnejh biex isegwi dak li hemm miktub. Din hija r-raġuni vera tal-apatija li hawn għal kwalunkwe ħaġa, mhux biss għall-letteratura imma għal kollox, u mhux f'Malta biss imma fid-dinja kollha: għażż tal-moħħ li bilfors iġib miegħu nuqqas ta' interess, bruda u indifferenza li jwaħħxu. U din l-apatija tinsab f'kulħadd, fil-bnedmin kollha, anki f'dawk li kien imisshom iħossu aktar is-sens ta' responsabbiltà u ta' direzzjoni. Biex ma nsemmux soċjetajiet u għaqdiet kostitwiti oħra, nieħdu bħala eżempju din l-għaqda tagħna stess. Aħna stedinna u ħajjarna kemm-il darba awturi Maltin biex jiġu jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat; imma dawn arahom iġibuhielna bit-tul jekk jaċċettawx jew le, kważi kważi qishom ser jagħmlulna xi pjaċir personali. Issa jekk kien hemm xi ħadd li kien imissu mhux biss ma jkunx indifferenti, imma jagħmel minn kollox biex iħeġġeġ lill-oħrajn hu l-iskrittur stess, u b'mod speċjali l-iskrittur ta' din il-Għaqda tagħna li bħala skop ewlieni tagħha għandha dak li tħeġġeġ mhux biss b'dawna l-laqgħat, imma anki billi nagħmlu xi wirja ta' kotba ta' Maltin, norganizzaw konkorsi, nikkommemoraw skritturi Maltin mejtin, nippublikaw xogħlijiet ta' valur artistiku tassew

għoli li l-awtur tagħhom għal xi raġuni jew oħra ma irnexxilux jippubblika, nagħżlu xogħlijiet li jkunu tassew jistħoqqilhom ikunu aktar magħrufa ma' kotra akbar ta' qarrejja Maltin u barranin, biex jiġu tradotti b'ilsna differenti minn dak li bih ikunu nkitbu oriġinarjament. Anzi għal dawn l-laqgħat kien imissna nġibu magħna wkoll il-pitturi, l-iskulturi u l-mużiċisti Maltin kollha biex flimkien nuru illi l-arti Maltija mhijiex lura meta tiġi paragunata ma' l-arti ta' pajjiżi oħra, għax jekk ma nħeġġux aħna l-artisti, min iħeġġeġ? Jekk aħna stess bierda, fejn hi l-fjamma tal-arti li aħna tant niftaħru biha?

L-apatija hija l-marda tipika u ewlenija tas-soċjetà tal-lum u imkien ma nsibuha hekk qawwija u ġenerali daqs kemm meta nitkellmu fuq il-letteratura. Min jippurtah mill-letteratura llum? Liemu ħabib jitkellem fuqha? Jekk tipprova tinteressa lil xi ħadd fuq xi poeżija, l-aktar osservazzjoni pulita li jista' jagħmillek hija: "U dan mhux telf ta' żmien?"

Jeħtieġ però nammettu li l-ħtija ta' din l-indifferenza għal-letteratura mhijiex tal-publiku imma ta' l-iskritturi stess. Mhux biss għax huma stess huma indifferenti, imma anki għax dil-ħabta ma hawnx skritturi verament kbar bħal dawk tal-imgħoddi. Fid-dinja llum ma għandna l-ebda Omeru, l-ebda Virġilju, l-ebda Dante, l-ebda Shakespeare. Li kieku kien hawn skritturi verament kbar, huma kienu jneħħu din l-indifferenza, kienu jqanqlu l-poplu bħal dejjem, u bħal dejjem il-poplu kien isegwihom imsaħħar. Orfeo kien iġiegħel lis-siġar u lill-blat iħossu l-poeżija. Dak li għandna bżonn illum: skritturi kbar. U dan hu li nittamaw li jkollna tant f'Malta kemm f'pajjiżi oħra; u t-tama tagħna żgur li tiġi soddisfatta għax l-arti in ġenere, il-letteratura u l-poeżija ma jmutux. Il-forma tal-poeżija titbiddel ma' tul iż-żmenijiet, kif jitbiddlu l-gosti u l-kostumi talbniedem; jiġu epoki bħal ma huma dawn tagħna, meta l-poeżija ma tkunx imfittxa, madankollu l-poeżija ma tmutx. Il-poeżija tibqa' tgħix sa kemm fid-dinja jibqa' jgħix bniedem li jħoss u li jaħseb. Għax sa kemm fid-dinja ma tmutx il-ħajja, il-poeżija ma tmutx.

# Cpar fix-Xemx

*(Radjodramm Symbolique)*

minn Francis Ebejer

| *Jieħdu sehem:* | *Effetti.* |
|---|---|
| Bniedem. | Ilma. |
| Reporter. | Riħ. |
| Editur. | Bieb. |
| Carey. | Karozza. |
| Stavinsky. | Lift. |
| Vollanz. | Siphons. |
| Steiber. | Silġ fit-tazzi. |
| | *Mużka.* |
| Klara. | "Out of this world". |
| Kuntestabbli. | "Hung. Phapsody". |
| Johnny tal-lift. | "In a Monastery Garden". |
| Doris. | |
| Patri. | |
| Il-folla. | |

EFFETTI: *Riħ, Baxx, Inewwaħ ... Ħoss ta' ilma jmeċlaq F'daqqa waħda tinstema' twerżiqa ta' mara, mill-bogħod. Ir-riħ iqum ftit ... Twerżiqa oħra, l-ilma jinstama' iktar ...*
*Mill-bogħod ... Ħoss ta' passi ġejjin jiġru, sal-Mike. Nifs qawwi ta' raġel, jonfoħ bil-ġiri. In-nifs, imgħaġġel, jimla l-Mike.*

BNIEDEM: (*qalb l-infiħ*) Fejn?
(*Ħoss ta' ġlekk qiegħed jintaża' u jintrema. Twerżiqa oħra ... iżjed għajjiena.*)
Ġej! (*qisha espressjoni ta' ħsieb*).
(*Ħoss ta' ċaflisa kbira fl-ilma ... qabeż il-baħar. Ir-riħ iżid, imbagħad jonqos; l-ilma jiċċaqlaq u jonqos ...*)
*FADE OUT.*
(*Mill-bogħod, riesqa, ġeġwiġija ta' nies ... il-ħsejjes jiżdiedu. Issa jibdew jintgħarfu l-leħnijiet ... fosthom in-nies ta' raġel għajjien.*)

NIES: Prosit ... Prosit tassew ... Qalbieni ... Salvaha ... Mn'Alla semagħha ... U kif waqgħet ... Dik in-naħa tal-pont mudlama wisq ... Bravu ... Hemm bżonn jagħmlu lampa oħra ... Prosit ... Bravu tassew ... Qalbieni ...

BNIED: Xejn, m'għamilt xejn ... Tarbija kienet tagħmel dak li għamilt jien ... (*NIES*: *Bravu, ecċ.*) Iżda nħossni ferħan... Ħaduha hux? ... (*NIES*: *Minuta oħra kienet tegħreq*) Ħaduha d-dar, hux tassew?

NIES: Għad fadal nies qalbiena ...

BNIED: Miskina ... kemm kienet sfajra ... mitluqa.

(*Mill-bogħod, leħen ir-Reporter. In-nies tibqa' tinstema'* ...)

REPORTER: Iva, ħalluni ngħaddi, ħalluni ngħaddi ... Press! Press! Fejn hu qiegħed? Iva warrab min-nofs. Puff, x'folla! Warrab żaqqek, xbin, kemm int goff. Fejn hu? (*jersaq*) Ah, sibtek sa fl-aħħar. Tini jdek. Jiena-c-*chief-reporter*-tal-gazzetta-DINJA-ċirkulazzjoni-8 milljuni. Għamilt bravura, ħabib ... Iva, ersqu 'l hemm.

KUNTEST: Lura, lura. Tuh daqsxejn arja. Imma x'nies intom.

REP: Press! Kuntestabbli, agħmlilna pjaċir u keċċi 'l dawn il-qabda — ma nafx x'nibda nsejħilhom! Għalhekk biss jiswew — għall-frattarija. Ismagħhom: 'Bravu ... Bravu...' iċapċpu u jtawlu għonqhom biex jissindikaw. Kuntestabbli, agħmlilna favur ...

KUNTEST: U waħdi, kif jista' jkun? Insomma: Lura, lura. Ser ittellgħuhomli tafux. (*Nies titbiegħed bil-qajla, xi 'Bravu' għadha tinstema'*) Isa, isa. Morru orqdu, ixorbu, iżfnu, ilagħbu. Għalhekk biss tinqalgħu. Isa, isa ... barra.

(*Pawsa ċkejkna: Skiet wara l-għagħa*).

REP: (*b'ħeġġa ġurnalistika*) Għidli ... Eh, sewwa, biddilt hux?

BNIED: Lanqas ilħaqt wasalt u biddilt li ma ġibunix hawn. Għalfejn, ma nafx.

REP: Dalwaqt tkun taf ... Issa, qalbieni. Insejjaħlek qalbieni. Tixraqlek.

BNIED: Jien qalbieni xejn. Għamilt li stajt.

REP: Bravu. Inniżżilha (*iħarbex*). Għada fil-għodu 8 miljuni nies u ħbiebhom jaqraw bil-bravura tiegħek, 8 miljuni! Aħseb ftit: nies fis-sodda, nies li qatt ma raw xmara, nies li jixtiequ jaraw għarqa, nies li jixtiequ jeħilsu 'l xi ħadd minn għarqa imma jibżgħu mill-baħar daqs l-infern ... 8 miljuni. Ismek għal 8 miljun darba ... X'tgħidilna iżjed?

BNIED: M'għandi x'ngħid xejn. Ħaġa żgħira.

REP: Inniżżluha ...

BNIED: Tifel ta' ħames snin kien jagħmilha wkoll.

REP: Le, din ma nsemmuhiex. Ara, ħares ftit 'il hawn. Int issa raġel qalbieni. Għall-inqas mil-lum sa ftit ġranet oħra, inti qalbieni. Daħħalha f'moħħok. U kif jitkellmu l-eroj? Qishom qabżu minn fuq siġġu? Sparaw u qabdu gamiema? Le. Ara, tkellem ta' raġel qalbieni li int ... Agħti messaġ lill-qarrejja tagħna ... Bilħaqq inti qarrej tagħna, qarrej tal-gazzetta DINJA?

BNIED: Nixtriha minn xi daqqiet. Ma togħġobnix wisq. Mim-

lija ħmerijiet, bla sens.

REP: Bravu ... er... irrid ngħid, għallinqas int qarrej tagħna. Ġieh ikbar għalina ... Iżda issa, għidli x'taqbida ġewwa sidrek ħassejt meta smajt l-għajta tagħha? X'biża' tqanqal f'demmek malli bi qlubija tal-għaġeb qtajtha li għandek taqbeż?

BNIED— Ma kienx hemm tmint ixbar ilma.

REP: Tmint ixbar ilma...

BNIED: Mhux iżjed.

REP: Tmint ixbar ilma ... Le, ma ddoqx. Inti forsi taħseb li l-qarrejja tagħna jridu tmint ixbar ilma biss?

BNIED: Ma jimpurtanix xi jridu l-qarrejja tagħkom. Għalija jistgħu jieħdu l-Atlantiku. Is-sewwa hu li l-qiegħ għal daqsxejn ma ħassejtux b'saqajja.

REP: Is-sewwa! Isimgħu! Is-sewwa! Ħa ... ħa ... Tibżax; ħalli kollox f'idejja. (*qisu qed jaqra*) 'Raġel qalbieni jeħles mara millmewt' ... Inti taf tgħum xejn?

BNIED: Naf.

REP: Le, hekk mhux tajjeb ... 'Raġel jintafa'' ... Bilħaqq x'ismek?

BNIED: ... Sejjaħli Bniedem.

REP: Bniedem! Bniedem! ...eh, sewwa, is-sur Bniedem ... Mela isma', ara togħġbokx. 'Is-sur Bniedem, raġel qalbieni ta'......' Kemm-il sena għandek?

BNIED: Tletin.

REP: M'mm, tletin. B'saħħtek xejn?

BNIED: Isma' ħej! Din x'għandha x'taqsam?

REP: Mintix marid, hux?

BNIED: Sa fejn naf jien, le.

REP: Sewwa, issa għandi kollox. Attent, għax din trid tidher għada fil-għodu fl-ewwel paġna tad-DINJA. Ismagħni: Il-bieraħ filgħaxija, raġel ta' erbgħin sena nxteħet fix-xmara, li tissejjaħ Ta' Salib-it-Toroq, biex jeħles mara minn mewt l-iktar kiefra; ħatafha mill-qilla ta' tletin xiber ilma. Għemil ta' qlubija li qatt ma smajna bħalu. Dan ir-raġel stqarrilna li ma jafx igħum u li ilu jbati għal bosta snin minn marda kiefra. Iżda, b'danakollu, il-karità u l-imħabba lejn il-proxxmu għelbitu. Qabeż ġewwa abbiss ta' ilma kiesaħ u mudlam. Lagħab ħajtu dan il-wisq qalbieni biex isalva l-ħajja ta' krijatura oħra. Qlubija! Erojiżmu! Il-gazzetta DINJA tagħżel unanimament lil dan ir-raġel bħala l-bniedem l-iżjed qalbieni tassena. Ixtru d-DINJA t'għada ħalli taqraw dak kollu li ġara, iżjed fit-tul, eċċ... eċċ...' Togħġbok?

BNIED: Imma dan m'hu xejn minnu. Gidba minn fuq s'isfel.

REP: Minnu kollu kemm hu. (*bid-daħka*) Int min int biex tiġġudika d-DINJA li għandha bejgħ ta' 8 miljuni? Ħallina, ħabib. Kemm għad trid titgħallem. Ma togħġbux l-istorja għax mhix minn-

ha! Ħa... ħa... tajba din, iridna ngħidu d-dritt, f'dawn iż-żmenijiet ta' progress kbir, ħa... ħa... Issa, ara, għandi karozza barra, qiegħda tistenniena. L-Editur irid ikellmek.

BNIED: L-Editur! Jien irrid immur norqod.

REP: U le, torqod issa; meta d-DINJA għandha storja bħal din! Ejja, ħabib, int issa msemmi. Titlifx dan il-waqt. Int issa magħruf. U mela trid torqod...?

*FADE OUT.*

(*Mużka, imgħaġġla ... Tonqos. Ħoss ta' karozza tieqaf.*)

REP: Hawn aħna. (*Bieb tal-karozza jingħalaq — Ieħor. Ħoss ta' passi*) X'jidhirlek mill-palazz tagħna, eh? Jogħġbok?

BNIED: Tassew kbir ... igħaxxqek. Madankollu l-gazzetta tagħkom kbira, hux tassew?

REP: Kbira?! Bi 8 miljun qarrej!

BNIED: 8 miljun bniedem imqarraq. Imsieken.

REP: X'inti tgħid? Ħares, mintix xi pessimist tas-setta? Xi dixxiplu ta' Schopenhauer? Dak kien jaf ħafna. Jibki biss. Qal li n-nies għalxejn jaħdmu għax jibqa' f'wiċċhom. Jiġifieri, naħseb ried igħid, oqgħod bil-qegħda u stenna d-dilluvju.

BNIED: Le, miniex pessimist u l-anqas jien dixxiplu ta' Schopenhauer. Dak kabbarha wisq. Nemmen biss li l-bniedem għandu jaħdem kemm jiflaħ biex jegħleb il-ħażen u jkabbar it-tjubija li hawn fid-dinja.

REP: Allura, għalfejn qed tgerger?

BNIED: Dan tiegħi mhux tgergir. Ħaġa waħda biss: Il-ħażen issibu malajr, it-tajjeb trid titħabat biex tarah. Bil-ħażen irrid ngħid l-ewwelnett in-nuqqas ta' verità.

REP: Awx! Ħsibtek li ħiereġ biha. Il-gazzetta tagħna, hux?

BNIED: Għaliex le? Jekk il-gazzetta għada xxandar dik l-istorja fuqi li għadek kemm qrajtli, ma tkunx qiegħda tgħid is-sewwa. Jiġifieri għada d-dinja tkun mgħobbija b'madwar erggħa tunnellati oħra gideb, ħażen.

REP: Kollox sew. Int irbaħt. Issa hawn ħaġa iktar impurtanti. L-Editur.

BNIED: (*sarkastiku*) Eh, iva — l-Editur.

(*Xogħol kbir u varjat jinstema' ... passi, type-writers. Min jgħajjat "Ir-raba', il-ħames, tiela" ... qniepen, il-buzz-buzz ta' Callers ...*)

REP: Hawn hu l-lift. X'hemm, Johnny! Kemm għandek wiċċek imqarras. Jaqaw?

(*Bieb il-lift jingħalaq. Ħoss baxx tal-lift*).

JOHNNY: U x'ma jkollix wiċċi mqarras! Għadu kemm tela' ċ-Chief u tani ħasla għax daħħaltlu skarpan miegħu fil-lift. Għandu jkun dan l-iskarpan għamel xi nvenzjoni ġdida fuq iż-żraben u jrid liċ-Chief ixandarhielu ... Ftit wara tinżel is-sinjurina tal-Paġna tan-

Nisa, b'geddum daqsiex; milli jidher il-fabbrika ta' l-aħħar moda li xandret ma bagħtulhiex xempju persunali ... Insomma.

REP: Xi tgħid kieku ngħidlek li dan huwa s-sinjur tax-xmara.

JOHNNY: Tax-xmara? Eh, iva. Ma ngħid xejn. Hawn dejjem ġejjin u sejrin. Ma nagħtix każ. (*ibiddel il-leħen — jerġa' jsir l-impjegat*) — Ir-raba' sular. L-Editur max-xellug, Sports mallemin, papri u fniek fin-nofs.

REP: Prosit, John. Saħħa.

BNIED: (*mexjin*) Dak it-tifel għad isir raġel, għandu sens.

REP: U għad imut bil-ġuħ — rajtu wiċċu?! Dawk li saru rġiel kollha mietu bil-ġuħ. Ħudha bħala tagħlima għalik. Int dritt wisq, għad tispiċċa ħażin.

BNIED: Ix-xogħol tiegħek iġiegħlek titħaddet miftuħ wisq.

REP: Jien bniedem rijalistiku — meta ma nkunx fuq xi storja li rrid nitħallas tagħha. Jien naf id-dinja x'tagħti. Min għandu jrid iżjed, min m'għandux jaqbeż il-baħar.

BNIED: Jien nifhem li min m'għandux għandu jitħabat biex ikollu, jagħmel ħiltu u jekk ma jasalx, m'għandux jaqta' qalbu.

REP: Jitħabat biex ikollu! Black market, serq, qerq, ingann, insomma dak li nsejħulu business, hux?

BNIED: Jista' jkun — imma hemm triq oħra.

REP: (*jiftaħ bieb*) X'hemm, Doris. Il-Mogul ġewwa?

DORIS: (*b'leħen għajjien*) Hemm qiegħed.

REP: Tantx tidħak. X'inqalagħlek issa?

DORIS: U... xejn! Karti biss, riħa tal-linka, lapsijiet, dwejjaq kbar, gideb ittajpjat, gideb li jinxtara bl-euf...

BNIED: Brava!

DORIS: Skużi, ma tlabtx l-opinjoni tiegħek.

REP: Ara kif titkellem mal-eroj tagħna.

DORIS: Eh, dan eroj? Kif int, wisq qalbieni? U dan x'għamel? L-aħħar eroj li kellna — il-ġimgħa l-oħra għandu jkun — kien spara bl-addoċċ fuq ħalliel u laqtu f'sieqU. In-nies tibla' kollox.

REP: Dan aqwa. Dan qabeż ġox-xmara.

DORIS: Eh. int tax-xmara? Smajt xi ħaġa. Nitħassrek.

BNIED: Nixxik ħajr bil-qalb kollha. Ngħid għalija nixtieq immur id-dar, imma l-ħabib tagħna hawn......

DORIS: Le, nitħassrek għax għamilt delitt.

BNIED: Delitt?

DORIS: U mela mhux delitt! L-ewwelnett fejn taf jekk dik il-mara riditx issalva?

BNIED: Għajtet għall-għajnuna.

DORIS: Dak kien biża' ta' sekonda. Kollox kien igħaddi. It-tieni, mara inqas fid-dinja ma kien ikun ġara xejn......

REP: U t-tielet?

DORIS: Ser jagħti xogħol iżjed lili.

REP: Taghtix kasha. Doris dejjem qalbha sewda. Għandha moħħ ta' ċimiterju. Fi ħsiebek taqbeż int issa fix-xmara, Doris? Fuq kollox, mara inqas......

DORIS: Jekk naqbeż żgur ma nkunx irrid lilek issalvani.

REP: Serraħ moħħok, Doris. Dak ma nagħmlux. Inwiegħdek. (*Jingħalaq bieb.*)

EDITUR: Eh, oqgħod, oqgħod, poġġi bil-qiegħda. Irrid nifraħlek. Għamilt biċċa xogħol sabiħa tassew. Tpejjep?

BNIED: Sigarretti... Grazzi. (*Iqabbdu sulfarina*).

EDITUR: Nifraħ ngħidlek li aħna konna l-ewwel gazzetta li ħadna l-istorja tiegħek. Kienet logħba, iżda aħna rbaħna. Aħna rbaħna. Għadu kif kien qiegħed ikellimni fuq it-telefon wieħed missidien tal-gazzetta. "Max," qalli: "Nafu li għandna editur fik, raġel li jaf is-sengħa tiegħu." Nies mill-aħjar is-sidien tal-gazzetta tiegħi; nies li jirrispettawni u jafdawni. Iħobbuni ferm. Iva, hekk kellimni fuq it-telefon. X'kumpliment, eh? X'jidhirlek?

BNIED: Kumpliment tassew sabiħ. Int għandek xogħol iebes. Imbagħad biex toħloq dawk l-istejjer kollha sabiex il-gazzetta timtela......! Dan tassew xogħol li jrid l-għerf...... irid il-ħila......

EDITUR: Tassew, tassew. Trid ħila, trid għerf; u bejni u bejnek ftit hawn nies li għandhom moħħ għal dan ix-xogħol daqs kemm għandi jien. Jiena naf is-sengħa tiegħi minn fuq s'isfel.

BNIED: Nemmen!

EDITUR: Kif u b'liema xeħta tressaq l-aħbarijiet li jiġru kuljum, tressaqhom lill-poplu tagħna......

BNIED: Xogħol iebes.

EDITUR: *Veritas Veritatis; Vox Populi*, eċċ.... eċċ....

BNIED: Hekk hu, tassew.

EDITUR: Il-ħsebijiet li jkolli minn xi daqqiet! Kif nagħmel biex inkabbar il-għadd tal-qarrejja tagħna. Le, le, għal dan ix-xogħol trid ingenwità, kif tgħid... eh... trid kapaċità, trid qawwa kbira... hawn fis-sider, fis-sider ta' raġel wieħed biss...

BNIED: Int, hux?

EDITUR: Jien. L-għerf tiegħi, il-qawwa tiegħi jgħiduli li tinħass f'kull faċċata.

BNIED: Prosit!

EDITUR: Fuq kollox trid tkun taf xi jridu l-qarrejja tiegħek. Iżda din il-biċċa mhix tqila.

BNIED: Stejjer u stejjer, eh — fuq il-fatti? Dak joqtol, dak iħarrab, dak jixhed falz, il-ħażen tal-qalb imħassra.

EDITUR: Kollu kemm hu. Nuru n-nies it-tajba l-ħżunija li hawn madwarna.

BNIED: U żżidu xi ħaġa minn tagħkom.

EDITUR: Inżidu xi......! Ħa... ħa... Tħobb tiċċajta int, ħa...

ħa... Milli jidher tifhimha d-dinja ġmielek. Ara, il-biċċa hekk. Irid ikun hemm qarrejja u ħabsin. Inkella fiex naslu?

BNIED: Il-qarrejja jħobbu l-guffaġni, hux tassew?

EDITUR: ......U aħna nagħtuhielhom. Aħna fuq kollox qegħdin hawn biex naqdu 'l-poplu.

BNIED: Qiegħed nifhem ħafna ħwejjeġ issa...... Imma tagħmlu għedewwa wkoll.

EDITUR: Għedewwa nagħmlu dejjem. Ħafna nies ma joħbbux is-sewwa.

BNIED: Dak tgħidlu s-sewwa? (*bi kliem imħeġġeġ*) U ħares 'l hawn, jekk tagħmlu għedewwa, ikun ħtija tagħkom. Intom goffi wisq. F'idejkom bniedem jiġi mneżża' u muri lil kemm għedt — lil 8 miljuni oħra li jħobbu jaqraw dejjem u jisimgħu bil-hemm ta' ħaddieħor.

EDITUR: Nerġa' ngħidlek; aħna hawn biex naqdu x-xewqat tal-poplu. Iżda ħares, għalkemm din it-taħdita fuq il-ġrajja tiegħek għoġbitni wisq, jien mhux għalhekk biss sejjaħtlek. Kif għedtlek, jien irrid nilħaq ma' kollox, dejjem naħseb nara x'nagħmel biex nimla l-paġni. Għaldaqstant, sejjer nibagħtek il-lukanda CAGLIOSTRO. Tafha int il-CAGLIOSTRO, hux? L-isbaħ tal-pajjiż. Hemm irridek tiltaqa' ma' nies magħrufa. Nies ta' għerf kbir. Mexxejja tal-pajjiż. Din hi biċċa xogħol oħra tiegħi. Inħallsu kollox aħna. Taf int, jien bħala Editur irrid naħseb f'kollox. *Ad Majorem Populi Sapientiam* — dan hu l-iskop tal-gazzetta. Iżda qabel ma nitilqek (*jibda l-FADE OUT*), hekk, erġa' tini idek. Inħossni mkabbar. U ftakar — hekk hi d-dinja.

BNIED: (*b'leħen li juri ħsieb — u qrib ħafna l-majk*) Hekk hi d-dinja!

*FADE OUT.*

(*Mużka taż-żfin, ċapċip, daħk, leħnijiet ta' kotra nies. Kliem ma jiftihemx. Qegħdin jiżfnu...... Il-mużka tibda titbiegħed bil-ftit il-ftit. F'daqqa waħda jingħalaq bieb. Il-mużda taqa' b'sabta, iżda tibqa' tinstema xi ftit......*)

CAREY: (*waqt li dan jitkellem, l-oħrajn jitkellmu bejniethom sabiex il-kamra timtela*). Noqogħdu bil-qegħda. Nistħajjilkom għajjenin. Oqgħod ħdejja, Stavinsky; jixraqli npoġġi ma' ġenb filosfu bħalek. (*Igħolli leħnu*) Kulħadd hawn. Sewwa. Tazzi għandna. Fliexken ukoll. Siphons. Silġ. Ferrgħu, ħbieb. (*Jinstema' bħal xorb jimla t-tazzi. Il-klikk... klikk... tas-silġ fit-tazzi. Siphons.*)

STAVIN: Għadu ma ġiex l-eroj tagħna. Max ċempilli u qalli li dalwaqt jibagħtu.

VOLLANZ: Max, Max. "Kapaċità... Inġenwità; Ħila, Għerf". (*Jidħku*) Jekk hawn raġel umli fid-dinja dak żgur Max. U ħaġa talgħaġeb, jitkellem qisu hu kollox. "Il-gazzetta tiegħi, ix-xogħol tiegħi, l-ideiat tiegħi." Aħna qisna m'għandna x'naqsmu xejn.

STEIBER: Ma jimpurtax. Arloġġ, kemm iddum tagħtih ħabel. Fl-aħħar jixpakka. Max jinsa li fuq kull tarġa hemm tarġa oħra. Xi tgħid int, Stavinsky?

STAVIN: Ħbieb, ikunu ġusti. Max qed jaħdmilna ġmielu. Inħalluh. Kelb rieqed... Meta rridu nqajmuh, allura nqajmuh. Għal issa......

STEIB: Bħala sidien tal-gazzetta, aħna għandna setgħa kbira.

KULĦADD: Hekk hu tabilħaqq...... Sewwa qed tgħid.

STAVIN: Iżda din il-qawwa li għandna trid raġuni magħha, Steiber. Ir-raġuni hi din: Dment li l-lixka hi sħiħa u ħafna ħut qed jinqabad, aħna m'għandniex x'ingergru. Intom stess stagħġibtu l-aħħar profitti wrew qabża kbira. Tiftakru, intom stess stagħġibtu meta fl-aħħar laqgħa li kellna Max qralna li n-numru tal-qarrejja qed jiżdied b'madwar 3,000 fil-ġimgħa. Għandna għalfejn niftaħru li tagħna hija l-ikbar gazzetta fil-pajjiż, l-iktar mexxejja, u niftakru wkoll li dan il-progress sar minn mindu għamilna 'l Max Editur.

CAREY: Le, minn daqshekk, Max jaf il-qarrejja xi jridu. Jekk jibqa' sejjer jagħtihom serq, skandli u qtil, aħna irġiel, sinjuri, għal dejjem.

STAVIN: Le, għalissa Max jiswielna.

STEIB: Imbagħad jekk idejjaqna...... dejjem hemm oħrajn, eh? (*daħka ta' nies bla qalb*).

VOLL: Aħna qegħdin niftaħru b'Max. M'għandniex, (*b'daħka*) sinjuri, niftaħru wkoll li Carey hu wieħed minna? m'hix din xorti kbira għalina?!

CAREY: Xorti tabilħaqq. Jien ġibtlek ir-rizq, hus tassew, Sur Vollanz? (*jidħku*)

VOLL: Eh, ma għandniex xi ngħidu. Jogħġbuni d-diskorsi li tagħmel fil-parlament, Sur Carey. Jinżluli għasel. 'Neħħu kull xorta ta' kontroll. Il-bniedem huwa liberu.' U jien, bħala ragel tan-negozju......

STEIB: X'lewn huwa n-negozju tiegħek, Vollanz? Isa, oħrogħa.

VOLL: Kollox sew. Ħbieb aħna, l-ogħla nies tal-pajjiż. Ħabi m'hemmx bejnietna. Staqsejtni x'lewn hu n-negozju tiegħi, Steiber. Nerga' ngħidha: i-s-w-e-d il-biċċa l-kbira...... bi ftit abjad għall-wirja. Fuq kollox, negozju hu negozju; għax għandu jgħodd x'lewn ikun? Min-naħa l-oħra, tinsewx, sinjuri, li aħna ħolqa ġo l-oħra. Jien wasalt fejn jien bil-ħila tagħkom, intom wasaltu fejn intom — il-ħabib tagħna, Carey, membru tal-parlament, int, Stavinsky, filosfu, li għandek pożizzjoni għolja fl-edukazzjoni, int, Steiber, b'dak il-kuntratt kolossali mal-militar — wasaltu fejn intom, kollha bil-ħila ta' buti. Ċertu dejn ma nagħtix kasu.

STAVIN: Dan kollu minnu, iżda tinsiex, Vollanz, li jekk in-

naħa l-oħra... Inti għamiltna li aħna, aħna nżommuk biex ma taqax. Sewwa?

VOLL: Fhimt fuq li fhimt......

STAVIN: Mela, aħna ħbieb. (*bħal daħka żgħira mill-oħrajn*). (*Taħbita fuq il-bieb*).

CAREY: S'sss. (*jisgħol*) Idħol.

(*Jinfetaħ il-bieb*).

BNIED: Tridu tkellmuni, sinjuri?

CAREY: Ah, għaddi, għaddi. Dan, sinjuri, huwa dak ir-raġel qalbieni li aħna smajna tant fuqu...... Ħallini nintroduċilek dawn is-sinjuri: Dan huwa s-sur Vollanz, negozjant ġust daqs kemm hu kbir, Steiber li hu miġjub wisq mal-militar tal-maħbub pajjiż tagħna. Dan Stavinsky, filosfu magħruf, u jien sempliċi membru tal-parlament, negħreq id-demm għal pajjiżi. Jisimni Carey.

BNIED: Għandi pjaċir li sirt nafkom.

CAREY: Poġġi. Tixrob?

BNIED: Grazzi.

CAREY: Ngħidulek mill-ewwel li aħna s-sidien tal-gazzetta DINJA li kellha xorti hekk kbira tkun l-ewwel waħda li xxandar l-għemil qalbieni tiegħek...... qlubija liema bħalha......

BNIED: Tgħaġġbuni, sinjuri.

CAREY: Ngħaġġbuk! Kif?

BNIED: Intom nies għorrief, għalhekk tistgħu tifhmu. Jien ma għamilt xejn ħlief dak li sata' jagħmel ħaddieħor. Xejn iżjed. Din il-foħrija il'issa nismagħha li donnha ħaditli rasi.

STAVIN: Sewwa, tkellem, tkellem. Aħna qegħdin hawn biex nisimgħu kif jaħsibha ħaddieħor.

BNIED: Kif naħsibha jien? Fuqiex?

STAVIN: Fuq kollox. Ftakar li jien filosfu u nħobb nisma' dak li jrid jgħid ħaddieħor. Hi għaxqa tiegħi...

BNIED: Mela għax għażiltu lili? Hawn tant nies għorrief!

STAVIN. Iżda int issa sirt biċċa waħda mal-gazzetta tagħna. U int qarrej tagħha wkoll.

BNIED: Niżżikom ħajr ta' dawn il-kumplimenti u foħrija, iżda ma jixirqulix. Min jaf kemm hawn, bħal dan il-ħin, nies — irġiel, nisa u tfal — li qegħdin isalvaw kuljum lil ħaddieħor minn mewtiet wisq iktar kiefra minn għarqa: irġiel jinqatlu fi gwerer għal ġieh ħaddieħor; tfal bil-ġuħ, imwerwrin barra minn sensihom, jaraw lil ommijiethom imutu bil-qajla bid-daqqiet, bil-ġuħ, b'mard l-iktar aħrax; nies li jiċħdu ta' kuljum lilhom infushom biex ħaddieħor ikun jista' jgħix u jgawdi x-xemx. Dawn, nies bħal dawn, ħaqqhom min isemmihom, min igħinhom.

STAVIN: Titkellem bi ħrara kbira, ħabib.

BNIED: Aħfruli, sinjuri. Intom nies tal-għaqal, nies kbar, irjus tal-ħajja pubblika, nies li tagħmlu s-sewwa. Inħossni li għandi

nitkellem. Dawn l-aħħar ftit sigħat għaddejthom qisni mibluġħ. Rajt qerq, gideb, ħażen. L-istorja li ser tidher għada fuqi hija gideb minn fuq s'isfel. Kulħadd jaħdem għall-interess tiegħu. Kelli fidi kbira fil-bniedem, issa ma nafx... Naqbel li "hekk hi d-dinja", li n-natura libbsitna bil-ħażen. Imma għallinqas nagħmlu kemm nistgħu biex insewwu l-ħsarat. Nafu bil-ħażen u nibqgħu naqduh. Nafu li qegħdin nigbdu, li qegħdin inqarrqu bin-nies, iżda l-gideb nibqgħu nħaddnuh. Il-bijatitudni ta' Kristu qishom saru f'idejna skuża biex ngħajru 'l ħaddieħor bid-difetti tiegħu fil-waqt li aħna, ta' żewġ uċuh, naħbu n-nuqqasijiet tagħna taħt it-trab. Aħfruli. Imm'issa rrid nitkellem. Ma nistax inżomm iktar. Intom nies kbar, għorrief, nies ta' esperjenza... uruni t-triq.

STEIB: Triq waħda hemm.

BNIED: U din?

STEIB: Il-bniedem dejjem jagħmel dak li jaqbel lilu.

BNIED: Hekk hu, iva. Iżda mhux iċaħħad 'il ħaddieħor biex igawdi hu.

VOLL: U għaliex le?

BNIED: Għax dak egojiżmu.

VOLL: U jekk aħna egojiżti minn qaddisna, xi tridna nagħmlu? Jekk aħna minn meta nitwieldu, nitqabdu m'ommna u ma rriduhiex iżżiegħel b'ħaddieħor; jekk l-ambizzjoni li qiegħda fina trid bilfors tirfes 'il ħaddieħor biex titwettaq; jekk aħna kull għemil li nagħmlu nagħmluh biex nidhru f'għajnejn ħaddieħor, biex naqilgħu ċ-ċapċip, biex niftaħru u nġiegħlu 'l poplu jfaħħarna...... Jekk dan qiegħed ġo fina, min...... min jista' jagħtina tort?

BNIED: (*bil-ħeġġa*) Nagħtukhom tort jien u oħrajn li ma jaħsbuhiex bħalkom. Kif, intom ukoll? Dejjem l-istess għajta kull fejn indawwar rasi. "Għix, oqtol, igdeb, israq għax ħajja waħda biss għandek. Geddes il-flejjes, qarraq b'ommok, b'martek, b'uliedek, għax hekk hi s-saltna tal-bniedem... Min jisraq igħix, min hu onest jispiċċa......" Le, le, ma jistax ikun. Mela inti qed ixxebbah lill-bniedem ma' felu, mqabbad m'ommu, ma' ljun li jaħtaf għalih innifsu biss, ma' żiemel li trid tagħtih il-furrajna u bil-frosta biex jaħdimlek!

VOLL: Preċiżament. Aħna m'aħniex ħlief bhejjem, bl-istess ġibdiet tagħhom, bir-rieda li ngħixu bħalma għandhom huma, li ngeddsu, li niġġieldu, li nħabirku ħalli jkollna iktar minn ħaddieħor. Il-bqija kollox tleillx, drawwiet kergħa li bihom aħna ninqdew biex nidhru aqwa mill-bhejjem.

BNIED: Kif! Kif! U intom nies għorrief?! Dan hu l-għerf li trid id-dinja! Dan tfisser l-onestà fil-ħajja pubblika? Issa qiegħed nara! Forsi jien ma tantx rajt mid-dinja qabel, issa qiegħed naraha fil-kruha tagħha. Imme le, qegħdin titqarrqu. Intom tgħiduli li l-bniedem bhima u bhima biss. L-intelliġenza, l-onestà li tista' tin-

bet fih, il-verità —għad fadal nies, sinjuri, li jafu kif iħaddnu s-sewwa—, il-kuxjenza, li tgħidlu le jew iva, is-setgħa li qiegħda fih biex irażżan dak li hu ikreh f'qalbu u jgħolli dak li hu sabiħ... dan intom issejħulu tlellix, drawwiet. Imma d-drawwa wkoll trid bidu u dak il-bidu, sinjuri, jibda fil-qalb, fir-ruħ tal-bniedem. Iva, fir-ruħ, forsi intom tiċħdu r-ruħ.

STAVIN: U r-ruħ, il-kuxjenza u dak kollu li għedt, x'ġid qatt jistgħu jagħmlu, ħlief irażżnu l-libertà tal-bniedem.

BNIED: Inti filosfu kbir, qaluli. Il-libertà tal-bniedem! Biex ikollok libertà, irid ikun hemm qabel id-dieq, il-ħabs. U x'inhi l-libertà tal-bniedem? Dak li jagħmel li jrid, li jiġi għal idejh, bla xkiel u rażna, nistħajjel tgħiduli. Il-libertà li jisraq, iqarraq, iħarbat, jeqred bla ma ħadd jindaħallu. Hekk hi l-libertà li togħġob lilkom.

STAVIN: Ej! Ej!

BNIED: Il-libertà, sinjuri, hi dik li teħles u tifdi l-bniedem minn din il-libertà tagħkom. Jien miniex filosfu, jew membru tal-parlament; iżda jien, u mara tar-raba', u raġel imħaddan fil-familja tiegħu u għarusa li tafda 'l għarus tagħha, u omm li tħares għall-ewwel darba lejn it-tarbija tagħha... dawn jafu xi tfisser il-libertà tal-bniedem... li jħobb, iżjed, li jsofri biex jagħti ħajja 'l ħaddieħor, u jagħżel it-triq iebsa imma li tagħti għall-kuntentezza, mhux kuntentezza tagħkom, tad-dwejjaq, tad-dinja, iżda kuntentezza oħra... Inti, pulitku. Rappreżentant tan-nies. Jiġifieri int temmen u tafda fil-għaqal u l-għerf tal-poplu. Kieku le, kieku m'intix verament rappreżentant tagħhom.

STEIB: Isa, Carey. Is-sinjur qed jistenna. Inti rappreżentant tan-nies?

BNIED: Jiġifieri dawn l-istess nies kellhom ħila jaħsbu u jaraw x'jaqblilhom. Għażlu lilek — minn kemm?

CAREY: Xi tlieta oħra.

BNIED: Allura tiċħad li n-nies għandha l-fakultà tagħżel l-aħjar?

STEIB: U fejn taf jekk għażlux l-aħjar? (*jidħku*).

BNIED: Le, jekk għażluh, allura għandhom fiduċja fih, jittamaw li hu jista' jagħmel il-ġid. Nieħdu l-argument tagħkom: Il-bniedem, għedtu, ifittex għall-aħjar tiegħu; mela meta għażluh, għażlu wieħed li minnu jistennew ħafna ġid.

BNIED: Ma nsejtx. Għandu d-dritt, basta li jagħmel dak li tex dak li jaqbel lilu wkoll?

STAVIN: Ma nagħmlux li nsejt li Carey għandu d-dritt li jfitteqgħdin jistennew minnu n-nies li tellgħuh, li jkun onest magħhom.

VOLL: (*sarkastiku*) Qiegħed tagħmel dan? Carey? U għalfejn naħbu. Le, m'huwiex. Jiġi żmien meta wkoll l-aqwa rieda ma tistax iżżomm bniedem li jitla' fuq il-bejt u jinsa dak li ħalla isfel. (*jersaq*

*lejn il-majk*) Jien ma nisthix, għax, kif għedna, qiegħda ġo fina. Il-fatt hu li jien neguzjant, u kif jidħlu l-flus ma nħabbilx rasi, basta jidħlu. Inti tikkundannani, hux? Issemmili l-kuxjenza, l-onestà. Puff, dak kollu arja, kliem fieragħ. Issejjaħli ħalliel. Kollox sew, ħalliel jien; imma dak li rrid, ikolli, dak kollu li tixtieq qalbi, jiena nixtri bil-flus. Flus, ħabib, il-flus jagħtuni li rrid. Isa, sinjuri, qumu fuq tagħkom; uru sewwa x'intom darba f'għomorkom. Dan is-sinjur irid jaf is-sewwa.

BNIED: Issa naf... issa qiegħed nifhem...

STEIB: Jiena Steiber, (*qrib il-majk*). Ifhimni sewwa. Ma jimpurtanix x'impressjoni sejjer nagħtik. Jien kuntrattur mal-militar, Jien nagħmel il-kanuni, il-balal, il-bombi... qed tifhimni... u nibqa' nagħmilhom. Jien irrid il-gwerer. Il-gwerer l-għixien tiegħi...

BNIED: U dawk in-nies kollha, imsieken, isofru, jindarbu, imutu!!

STEIB: Jekk għandi kuxjenza, ma nħosshiex. Għalija jistgħu jmutu, bil-mijiet, bl-eluf. Ħames gwerer aħjar minn waħda. Nar, sħab, duħħan, dawn ikel għalija. Qed tifhem? Ismagħni sewwa sabiex titgħallem. Biex tgħix trid tiġġieled; ħafna jmutu, ftit jeħilsu. Dawk il-ftit iħejju t-triq biex terġa ssir l-istess ħaġa — mewt u ħajja. U jien naħdem biex dan isir. Min imut bil-bombi, min imut bil-mard; min igħix ftit, iqatta' 'l għajru u jispiċċa. Bombi nibqa' nagħmel, kanuni ikbar minn qabel, inxerred il-mard, ħuġġieġ li jwerwer id-dinja...

BNIED: Li inti tagħmel sehem minnha.

STEIB: Sewwa, jien nagħmel sehem minnha. Min igħix bix-xabla, imut bix-xabla. Tajjeb, forsi jien għad nispiċċa f'ħalq l-iljun li nkun rabbejt jien stess. Imma dan għadu ma sarx. Mela, nibqa' sejjer fit-triq li għażilt. Infittex dejjem it-tmiem tal-oħrajn u t-tmiem tiegħi nnifsi wkoll. Jekk irrid nieqaf ma nistax. Għax dan f'demmi, u demmi jrid id-demm tal-oħrajn; u f'hekk inħossni li qiegħed ngħix, iva, ngħix......

BNIED: (*imnikket*) U dawk it-tfal imsieken, morda, bil-ġuħ, iltiema, imċappsin bid-demm ta' ħuthom, ta' nieshom? U dawk in-nies kollha, bla ħtija, ġenn f'qalbhom, magħtubin, bla tama, it-turrufnati... Le, le, din hi ħolma. Qiegħed noħlom. Hekk hi d-dinja, mela? Hekk ilbniedem? Ma rridx nemminha. Dan ġenn tal-moħħ. Dawn huma n-nies li aħna nsejħu għorrief, onesti; dawn in-nies li jmexxuna? Sinjuri, nitlobkom bl-akbar ħrara, għiduli li qegħdin tiċċajtaw — li dan m'hu xejn minnu.

STEIB: Din l-ewwel u l-aħħar darba li qed tisma l-verità minn fommna. Int, int, Carey, għidlu l-verità, int ukoll. X'inti tagħmel għal pajjiżek?

CAREY: (*minn qrib il-majk*) Il-pulitka tiegħi hija qerq, daħk fil-wiċċ. Aħna nilagħbu bl-injuranza, bin-nuqqas ta' għerf fil-poplu.

Mela ma tafux il-poplu int? Għajjat, inħanaq, ħabbat fuq l-imwejjed, għid kontra ħaddieħor u huma, il-poplu, ifaħħruk, igħidulek kemm int bravu. Għajjat iżjed, ġenninhom bi kliem li huma ma jifhmux u arahom jiġru ma' saqajk lesti biex jaqbżu l-baħar għalik. Dan hu s-sigriet tas-setgħa tagħna. Fuq hekk inbniet iċ-ċivilizzazzjoni tagħna.

BNIED: Le, mhux iċ-ċivilizazzjoni imma l-kotra kollha ta' qerq u gwerer. Iċ-ċivilizzazzjoni kibret fuq sisien oħra, fuq sisien li...... iżd'intom ma tifhmunix. Intom tgħixu l-bogħod minn dawk il-ftit li minħabba x-xogħol tajjeb tagħhom aħna forsi għadna hawn, ma nqridniex. Ftit nies li bit-tjubija tagħhom qegħdin jegħilbu nies bħalkom u b'hekk isalvaw id-dinja mit-tiġrif u l-bniedem mill-ġenn u l-mewt ta' kulljum.

STEIB: Nies tajba! Ħa... ħa...! Urini raġel wieħed biss tabilħaqq tajjeb, li qatt ma gideb, li qatt m'għamel għemil ħażin...

BNIED: (*bil-mod; imbagħad igħolli leħnu xi ftit*) Iva, ngħidlek. Int, u jien, il-bnedmin kollha. Aħna tajbin, aħna tajbin, sinjuri, għandna lkoll ġewwa qalbna dik id-daqsxejn ta' fwieħa li jekk inxerrduha timla d-dinja bix-xemx u l-ward. Aħna nistgħu ma nkunux ħżiena. Inti tista', Steiber, ma tkunx aġent ta' qirda għal ħafna nies; inti, Carey, tista' tkun sinċier u taħdem bl-onestà kollha għal pajjiżek; int, Vollanz, tista' tagħmel negozju mingħajr ma ċċaħħad l-armla mid-dar ċkejkna tagħha. Int, Stavinsky, filosfu, int tista' turi triq oħra fl-argumenti tiegħek, triq li tista' tkun ta' ġid iżjed għal min jisimgħek jew jaqrak... milli b'dik il-filosofija qarrieqa li tivvinta kuljum — għax hekk trid, mingħajr ma taħseb, mingħajr ma tfittex qalbek...

STEIB: (*bil-korla*) Nitolbok tiskuża ruħek.

CAREY: Stavinsky!

BNIED: (*armajn igħajjat, b'leħen imġennen*) Le, qatt. Jisgħobbik int l-ewwel, skuża ruħek quddiem l-umanità. Jekk id-dinja waslet fiex waslet, mhux ħtija tagħha. Il-ħtija tagħkom, sinjuri... onesti... (*jibdew jidħku bil-mod; id-daħk jikber; daħk kiefer; bla qalb*) Il-ħtija kollha tagħkom, tagħkom u ta' min jaħseb bħalkom. intom qridtuha d-dinja, intom iċċappsu bin-nifs tagħkom il-ħalel tannies twajba. Idħku, idħku. Naf x'tiswew. Idħku fuq il-għadam midfun ta' l-onestà u tal-innoċenza; idħku x'ħin taraw tfal imnikkta, ommijiet imqattgħin bix-xwabel tal-imrar; idħku bil-qirda ta' ħajjiet li għadhom ma dehrux imma li jinħassu. Mostri. F'hekk ġibtuna intom li qegħdin fis-sakra tas-setgħa, tal-flus, tal-egojiżmu, waqt li nofs id-dinja tiġġarraf fuq irjus bla ħtija. Mostri... Mostri... Taħsbu li sejrin iġġennuni bid-daħk tagħkom. Iżżufjettaw bija. Jiena sħiħ, inżomm sħiħ; jien inħobb is-sewwa, ma tistgħu tagħmluli xejn. Jien... jien... Ma nistax... inżomm iktar... (*Jinfetaħ bieb. Leħen ta' tfajla*),

KLARA: Dan xi storbju hu?

(*Pawsa. Id-daħk jispiċċa f'daqqa waħda.*)

CAREY: Eh, Klara, idħol, idħol.

BNIED: (*qisu mbeżża'*) Klara! Int... int!

KLARA: Għaraftni?

BNIED: (*qrib ħafna l-majk*) Int... tant sfajra... tant mitluqa. Niftakar.

KLARA: (*b'leħen ta' kmand*) Oħorġu. Ħalluna. (*Il-passi ta' l-oħrajn ħerġin mill-kamra. Xi daħka 'l hawn u 'l hemm. Jingħalaq il-bieb. Pawsa.*)

KLARA: Għaraftni!

BNIED: Int... hawn, hawnhekk... u dawk in-nies... tafhom?

KLARA: Qabel xejn irrid niżżik ħajr talli ħlistni minn dik l-għarqa. Iva, dawk in-nies nafhom... ħbieb tiegħi.

BNIED: (*qisu miblugħ*) Ħbieb... tiegħek! (*igħolli leħnu*) Taf x'inhuma dawk l-erbgħa... dawk... dawk.

KLARA: Iva, naf, ikkalma.

BNIED: Qiegħed f'infern. Sa ftit sigħat ilu kont ferħan, kuntent bil-ħajja. Nies li naf, li nħobb, nies twajba. Issa dan is-semm ġewwa sidri...... Ħares, int biss tista' ssalvani, issa. Jien ħlistek mill-mewt, issa int eħlisni mill-ġenn tal-moħħ, mill-għafis tal-qalb.

KLARA: Xi tridni nagħmel?

BNIED: Għidli, għidli li mhux kulħadd bħalhom, bħal dawk l-erbgħa. Li għad fadal onestà fid-dinja; li mhux kulħadd mitluf... Qisni għadni narak. Kemm kont mitluqa, Klara, f'dirgħajja, wiċċek, xagħrek imxarrab, kważi bla nifs, bla ħajja... sfajra fid-dlam taxxmara; telqa ġo fik li tatni s-saħħa. Rajtek għall-ewwel darba, hemm, qalb l-ilma iswed. Qalbi ħfiefet bis-sbuħija tiegħek. Issa qiegħed narġa' narak, għat-tieni darba. Klara, Klara, darbtejn biss jien xħett għajnejja fuqek... Iżda issa, wara dawk... dawk is-sinjuri, qisek anġlu tas-sema għalija. Inħares lejk issa, qisni kont nafek

KLARA: Tafni?

BNIED: (*qrib il-majk*) Inħares lejk, tfakkarni f'żogħżiti. Forsi żmien twil ilu.

BNIED: (*qrib il-mike*) Inħares lejk, tfakkarni f'żgħożiti. Forsi int tifla żgħira, toqgħod fit-triq tagħna; konna nilagħbu flimkien, immorru l-iskola flimkien, nibku, nifirħu flimkien, immorru l-knisja, nitolbu flimkien... nitolbu... int għadek titlob, Klara?

KLARA: Le.

BNIED: Niftakar f'dawk iż-żmenijiet. Forsi kont nafek dak iż-żmien.

KLARA: Kif? Jien il-lum rajtek l-ewwel darba.

BNIED: Naf, naf. Jien qiegħed noħlom. Ħallini noħlom, Klara. Qiegħed nivvinta. Irrid noħlom, għax fil-ħolm biss nista' jien issa nsib is-sbuħija. Wara l-kliem li smajt... il-ħwejjeġ li sirt naf... li fetħu għajnejja għad-dlam... (*iqum mill-'ħolma'*) Klara, int

għedt li tafhom lil dawk l-erbgħa. Tafhom biss, imma, hux; mhux ħabiba tagħhom?

KLARA: Għaliex le? Iva, jiena ħabiba tagħhom.

BNIED: Kif? Allura taf kif jaħsbuha, fiex jemmnu!

KLARA: M'hemmx x'ma nafx fuqhom.

BNIED: Jien ukoll. Mostri, nies bla ġieħ, bla ruħ. Għidli, Klara, għidli li aħna m'aħniex kollha bħalhom.

KLARA: U għaliex għandi ngħidlek dak li ma nemminx? Id-dinja jagħmluha nies bħal dawk.

BNIED: Le, ma jistax ikun.

KLARA: Iva, jista' jkun. Kieku le, għax mela qegħdin f'pożizjoni hekk għolja, jikkmandaw lin-nies, kapijiet tal-pajjiż?

BNIED: Għax in-nies imqarrqa.

KLARA: Imqarrqa jew mhumiex, in-nies iriduhom. Forsi int kont agħma — issa qed tara.

BNIED: Kif, int ukoll? Le, Klara, tkellem xort'oħra. Qeda tiċċajta.

KLARA: M'iniex niċċajta. Stavinsky għandu fehmiet, għax m'għandux ixerridhom? Steiber jagħmel il-flus mill-kanuni, għala le? Carey, opportunist, jaħtaf kemm jiflaħ minn dak li tagħtih il-pulitka. Vollanz għandu negozju; għax għandu jimpurtah kif jagħmel il-flus dmend li l-flus deħlin?

BNIED: L-istess kliem!... Iżda l-ġibda għall-onestà, l-imħabba li nħossu lejn għajrna; ir-rieda tajba li qiegħda fina! Għax m'għandniex nagħtu każ dawn il-ħwejjeġ ukoll?

KLARA: Tinsiex. Aħna fis-seklu għoxrin.

BNIED: Mela għax aħna fis-seklu għoxrin, m'hemmx bżonn l-onestà, ir-rieda tajba? Anzi, ismagħni, Klara, hemm bżonn dawn il-ħwejjeġ il-lum ħafna iżjed minn qabel. Inkella fiex nispiċċaw?

KLARA: Nibqgħu kif aħna. Jekk il-bniedem jista' jgeddes ġid mingħajr ma joqgħod jitħabat b'dawn il-problemi tiegħek... għax għandu jħabbat rasu bihom? Jekk int taf sewwa x'jiswa l-bniedem, dawn il-ħsebijiet m'hemmx lokhom.

BNIED: Hemm lokhom ingħid. Kif, mela inti taħseb li l-ħajja tagħna għandha tiġi mibnija fuq ir-ramel? Li aħna ngħixu sa kemm immutu? U t-tfal tagħna, il-ġnus li għad iridu jinħalqu! Hekk sejrin nagħtuhielhom id-dinja? Taqa' u ma taqax?

KLARA: Dawk ifittxu jħabirku huma. Bħalm'aħna nfittxu l-interess tagħna, huma jkollhom ifittxu l-interess tagħhom. Sempliċi, hus tassew? Kulħadd igħix għall-interessi tiegħu, tal-mument.

BNIED: Bħal bhima!

KLARA: Jekk trid hekk — bħal bhima.

BNIED: Agħar minn bhima, għax bhima għallinqas tara kif tagħmel biex taħseb għaż-żgħar tagħha għal meta jikbru. Kif qegħda tgħid int, lanqas aħna lesti biex nagħmlu hekk — u aħna nissej-

ħu bnedmin... Titqarraqx, Klara, għad jiġi żmien meta tintebaħ bil-għelt tiegħek, meta ħbiebek jintebħu bil-għelt tagħhom. Meta jasal il-mard, l-għafis tal-qalb, il-ġenn li anqas il-flejjes ma jkunu jistgħu jwarrbu; meta jasal dan fuqkom, meta, biex ngħid hekk, jasal fuqi wkoll, forsi aħna naraw id-dawl iktar ċar......

O Klara, Klara, kemm tuġagħni qalbi nisimgħek titkellem hekk. L-oħrajn nies tad-dinja, il-kuxjenza tagħhom xrafet, ħjiel ta' ġieħ ma fadlilhomx. Imma int, int tfajla sbejħa, bid-dawl tal-ġenna jiddi f'għajnejk, b'dan il-wiċċ li jsaħħar l-anġli, int għad fadallek kuxjenza, fadal tama għalik. Tintilifx kif dalwaqt nintilef jien jekk nibqa' f'din id-dieqa ta' qalb......

KLARA: Għalxejn! Id-dawl jista' jiddi f'għajnejja, iżda jien ħaġa waħda magħhom.

(*Hawn tibda bil-mod id-daqqa 'Out of this World'. It-tnejn jersqu ħafna qrib il-majk*). Darba kont nittama. Issa m'għadnix. Darba kont tifla żgħira bħalma pinġejtni int ftit ilu: immur l-iskola, nilgħab, iva, kont immur il-knisja wkoll, u nitlob. Issa m'għadnix. Għalxejn toqgħod tkellimni, ħabib. Isma' minni, oħroġ minn hawn, oħroġ minn din il-belt, warrab minn dan il-pajjiż. Mur għix fejn id-id-dagħdigħ tal-bnedmin ma jdejjaqlekx qalbek. Int fadallek tama, issa l-waqt. Tbiegħed minn hawn, malajr, issa, għax titlef kollox.

BNIED: Le, Klara, dawn l-aħħar kliem li għedt ferrħuli qalbi. Ixxebbaħx ruħek iżjed ma' dawk l-oħrajn. Dawk qegħdin fil-ħtija, u ma jisgħobbihomx. Int forsi qiegħda fil-ħtija wkoll, iżda kif tkellimt issa wrejtni x'weġgħa hemm f'qalbek — dawk il-jiem tas-safa li inti tlift imma li għad fadallek qalb u ruħ biżżejjed biex tiftakar fihom —u qalbek tibki!... Jekk tridni naħrab minn hawn, ejja int ukoll miegħi, Klara. Jiena w int nibdew ħajja ġdida, insibu l-ħemda wara r-riefnu. Ngħixu fl-eżempju ta' dawk li għadhom jagħtu widen lill-kuxjenza tagħhom.

KLARA: Kollu għalxejn. Għalija m'hemmx tama. Qalbi midfuna fil-ħama; titħajjar tqum imma l-ħama jqum wkoll u jerġa' jġebbidha 'l isfel. Int mur, ħallini. Int xortik tajba; fadallek tama ta' fejqan. Mur, ħabib tiegħi, u forsi 'l quddiem, meta int tkun sibt il-kuntentezza li trid qalbek... ftakar daqsxejn fija u... jekk trid... itlob għalija wkoll. Qalbek mhix imħassra. Qalbi mtertqa b'difrejn il-ħmieġ tad-dinja. Mur, ħallini...

BNIED: Qatt. Ma tarax, Klara, li int ukoll għandek is-setgħa li tinġibed mid-dlam, mill-qerq. Il-kliem tiegħek qed isewwi bil-ftit il-ftit il-ħsarat taż-żmien ġewwa qalbek. Ejja, Klara. Għedtli li jmissni ngħix kuntent. Issa naf li mingħajrek, dan ma jistax ikun. Klara, ismagħni... Jien tiegħek.

KLARA: Le, le (*qisha mbeżżgħa*) Itlaqni, warrab minn quddiemi, la tiċċappasx bin-nifs tiegħi. Int ma tafx x'jien, x'għamilt, fiex nemmen......

BNIED: Jien naf li inti mara, bniedma, u għandek tiġri f'demmek ir-rieda li tkun aħjar, iżjed kuntenta, li toħroġ mill-... mill-ħama.

KLARA: Ma jistax ikun. Dak li għamilt, nerġa' nagħmlu. Forsi din id-darba jirnexxi.

BNIED: Kif? X'għamilt?

KLARA: ......Jien ma waqajtx f'dik ix-xmara.

BNIED: Ma... ma waqajtx! Mela...

KLARA: Jiena fittixt il-mewt.

BNIED: Fittixt il-mewt! Sewwa qalet Doris.

KLARA: Min?

BNIED: Xejn... xejn. Segretarja tal-Editur... Imm'int għajjatt għall-għajnuna!

KLARA: Il-ġisem malajr jitlef il-fehma sħiħa li tkun għamlet ir-rieda.

BNIED: Klara! Hekk ħażin, Klara. Int, int xbejba sabiħa; il-ħajja f'demmek, f'idejk ir-rieda li tgħix kuntenta, fil-paċi.

KLARA: Tfajla sabiħa jien. Minn barra. Id-dud ġo fija jgħajjatli biex nintilef għal dejjem... Mur, ħabib, issa taf x'jien, taf x'niswa. Il-ħajja li pinġejtli sabiħa ferm, tiġbidni lejha; imma din hi l-veru ħajja għalija, ma nistax nitlaqha. Għalxejn. Marbuta magħha bi ktajjen tal-azzar. Mur... il-kliem tiegħek iweġġagħni. Miniex forsi nbati biżżejjed! Għaliex tweġġagħni iżjed?

BNIED: Inweġġgħek biex neħilsek mid-dwejjaq, mit-turment.

KLARA: Iżżidli d-dwejjaq qiegħed. Qisek qiegħed tneżżagħni mill-ġilda ta' qalbi...... tant tweġġa' din il-qoxra... forsi kerha, iżda jien drajt fiha. Ma nistax inħawwel għeruq oħra.

BNIED: Tista', Klara, tista'.

KLARA: (*b'leħen ftit aħrax*) Le, qatt. Itlaqni.

BNIED: ......Allura?......

KLARA: Irrid nibqa kif jien... Mur.

BNIED: ......Saħħa, Klara. Forsi ma narakx iktar.

KLARA: Mur.

BNIED: Ix-xemx għadha tiddi, Klara.

KLARA: Għalik, mhux għalija. Għalija ċ-ċpar u d-dlam, dejjem.

*BNIED:* (*b'ħanqa; u qrib il-majk*)... Nitlob għalik.

(*Bieb jingħalaq bil-mod. Il-mużka tieqaf. Tibda l-ewwel parti tal-Hungarian Rhapsody — din tgħodd wisq hawnhekk — qalb id-daqq jinstema' l-biki baxx iżda minnli ta' Klara...... Il-Hungarian Rhapsody tinqata', u minnflokha tinstema' mużka oħra. Din trid tagħti mpressjoni ta' seħer, ħolm, qisha kaskata ta' ilma jleqqen fil-qamar — Jinstemgħu leħnijiet — ġa nafuhom—, jibdew bil-mod, jiżdiedu mal-mużda......*)

ILĦNA: Qalbieni...... Irrid nagħmel bombi...... Iswed jew abjad negozju hu...... M'hemmx tama għad-dinja...... (*daħk*) Israq, oqtol

...... Il-libertà li nħarrbtu ......Ħila, tħabrik...... Kapaċità...... Inġenwità...... Le, trid tigdeb biex...... Is-sinjur tax-xmara...... Ta' Salib-it-Toroq...... Aħna nilagħbu bl-injuranza tal-poplu...... Mur, ħallini, mitlufa...... Gieh, tama... Gideb...... Qerq...... Tama...... Gieh...... Qerq...... (*ikomplu*)

BNIED: (*igħajjat*) Biżżejjed... Isktu... Ser iġġennuni... Mostri. Nies bla ġieh...... (*Mużka u ilmna jinqatgħu f'daqqa waħda.*) Isktu... isktu...... Biż-żej-jed. (*nifs qawwi; iqum minn ħolma kerha*)... Fejn jien? Fejn qiegħed?

PATRI: Ibni. Ikkalma. Hawn qiegħed f'idejn tajba.

BNIED: Int... min int? U x'kamra hi din? Kont qed noħlom ......ikrah il-ħolm.

PATRI: Naf.

BNIED: Ma nistax nara ħafna. Uġigħ, uġigħ fuq moħħi, bejn għajnejja. Iħabbat dan l-uġigħ, iniggeżż. Iftaħ it-tieqa... daħħluli l-arja...... irrid ix-xemx.

PATRI: Ftaħtlek it-tieqa. Dieħla l-arja u x-xemx.

BNIED: (*jibda jikkalma*) Imma hawn fejn jien?

PATRI: Dan hu l-Monasteru tat-Tliet Għoljiet.

BNIED: U int patri... Ma nafikx. Iżd'int raġel tajjeb, għajnejk mimlijin ħniena. Iżda għidli kif ġejt hawn. Kont fil-lukanda... kienet ħolma?

PATRI: Ma kenitx ħolma, ibni. Naf kollox.

BNIED: Niftakar — kamra, kollha damask, fwieħa, pultruni, xorb, nies, erbgħa. Iddieħku ħafna bija... Nies ħżiena, mhux bħalek... inti... għajnejk... imbagħad... imbagħad... xbejba, iva... Klara ... Miskina Klara. Ma niftakarx iktar.

PATRI: Sabuk mixħut ma' tulek fuq bankina ftit bogħod mill-lukanda. U huma ġibuk hawn.

BNIED: Ma stajtx inżomm iżjed. Tani ħass ħażin...... Huma? Min, huma?

PATRI: Tnejn min-nies; raġel u mara.

BNIED: Nies li jafuni?

PATRI: Jafuk. Wieħed, reporter tal-gazzetta, DINJA. L-oħra, sinjurina. Qalet li jisimha Klara.

BNIED: M'intix tgħid il-verità!

PATRI: Hawnhekk aħna dejjem ngħidu s-sewwa u xejn ħlief is-sewwa.

BNIED: Aħfirli...... Miniex f'sikkti. U dawn it-tnejn ma qalu xejn?

PATRI: Ma qalu xejn; iżda s-sinjurina ħallietlek karta. Qaltli biex nagħtihielek malli tqum.

BNIED: Fejnha? Tihieli. (*Hoss ta' karta fl-idejn...... Pawsa.*) "L-egħdewwa ħafna, imma t-taqbida mirbuħa. Nemmen." It-taqbida mirbuħa! O, ġenna. Grazzi, għażiż patri. Kemm inħossni kun-

tent. Mhux għalxejn soffrejt. Għamilt ftit ġid. It-tbatija li batejt tost dak il-gideb u qerq, ma kinetx għalxejn. Issa kuntent. "It-taqbida mirbuħa. Nemmen." Ibqa' emmen, Klara; jien ħlistek għat-tieni darba. Minn ġewwa x-xmara tas-Salib-it-Toroq, hija narġet għat-triq tas-sewwa, u jien magħha...... Iżda l-ieħor, ir-reporter, ma qal xejn?

PATRI: Qalbu qalet ħafna. Mellislek ġbinek — u beka.

BNIED: Dmugħ!

PATRI: Beka ħafna. Għandhom jiġu jarawk — il-lejla.

(*Pawsa.*)

BNIED: Għażiż patri, int biss tista' tifhem il-ferħ tiegħi. Irridu niġġieldu biex nirbħu. It-tama reġgħet bdiet tinbet ġo fija.

PATRI: Ibni, nies tajba jitwieldu kull ħin: nies ta' ġieħ, fqar u għonja. Huma nies bħal dawn li jxerrdu u jxandru dak kollu li jerfa' u jgħolli l-bniedem 'il fuq mill-bhejjem u jressqu lejn is-sema.

BNIED: U dawk in-nies — tal-pulitka, tan-negozju, bħal Carey, bħal Vollanz, bħal......

PATRI: Minn dawn hemm tajbin ukoll, nies ta' ħila, onesti, li jmexxu 'l pajjiżhom fit-triq tas-sewwa. Il-ħażen nistgħu nirbħuh u l-gideb noħonquh. It-taqbida sejra l-ħin kollu; min jirbaħ, min jitlef...

BNIED: Klara rebħet diġa.

PATRI: Hi u l-ieħor it-tnejn rebħu. ("*In a Monastery Garden*" *ta' Vaughan Williams.*)

BNIED: U jiena wkoll. (*Minn ħawn sat-tmiem, qrib il-majk*) Hemm dak il-Kurċifiss mal-ħajt... Għinni, għażiż patri; għinni nqum ......Kemm weġġgħuh!

PATRI: Weġġgħuh ħafna.

BNIED: U lili weġġgħuni wkoll. Issa nifhem kemm sofra għax jien batejt ukoll taħt idejhom. Noffri t-tbatija tiegħi Lilu. Qiegħed jismagħni?

PATRI: Qed jisimgħek, ibni.

BNIED: Mimli dmija, xewk, imsiemer kiefra! Jiena bżajt għax kont fid-dlam. Għoddhom rebħuni, tilfuni bid-dagħa tagħhom, bil-ħażen tagħhom...... Kif tingħad dik it-talba — "Niffduli jdejja u riġlejja...... (*it-tnejn flimkien*) "......u għaddew l-għadam tiegħi kollu."

PATRI: Iżda l-Mulej fetaħlek it-tieqa. Daħħallek ix-xemx ta' rebbiegħa, il-fwieħa tal-ward.

BNIED: Mhux lili biss, iżda 'l Klara u l-ieħor ukoll. Iva, Hu ħariġna miċ-ċpar tal-qerq, mid-dlam tal-ħażen, u wriena t-triq, għajnejna għomja...... U aħna ħarisna mit-tieqa... daħal xaqq dawl... u aħna rajna x-xemx, ix-xemx ħajja u sabiħa.

(*Iżżid il-mużka.........*)

**TMIEM.**

# IL-KANADA - PAJJIZ TA' ZEWGT ILSNA

Minn *Ġorġ Bonavia*

Fil-Kanada, insibu żewġ ilsna uffiċjali: l-Ingliż u l-Franċiż, f'Malta nsibu l-Ingliż u l-Malti. Kulma jixxandar mill-Gvern Federali f'Ottawa u mill-Qrati huwa biż-żewġt ilsna uffiċjali l-ilsna taż-żewġ elementi tal-popolazzjoni.

Il-popolazjoni Kanadiża nistgħu nqassmuha fi tliet kategorji ewlenin, kollha ta' nisel Ewropew. L-ikbar żewġ gruppi huma l-Franċiżi u l-Ingliżi u t-tielet grupp huwa ġabra ta' ġnus mill-Ewropa. Tista' tgħid nofs il-popolazjoni (qrib 14 il-miljun), hija ta' nisel Ingliż. F'dan il grupp insibu d-dixendenti ta' immigranti mill-Gran Brittanja, u l-*United Empire Loyalists* li emigraw fil-Kanada wara r-Rivoluzjoni Amerikana fl-1775, u immigranti reċenti mill-Istati Magħqudin u l-Ingilterra. Il-Kanadiżi ta' ġidd Ingliż insibuhom imferrxa mal-pajjiż kollu iżda l-akbar gruppi jinsabu fil-Provinċja max-xtut ta' l-Atlantiku, f'Ontario u *British Columbia*.

Sehem ieħor kbir tal-Kanadiżi huma l-Franċiżi li jagħmlu tletin fil-mija tal-popolazjoni. Dawn huma kollha mnissla minn dawk il-kolonisti Franċiżi li baqgħu fil-Kanada wara li dan il-pajjiż ġie taħt il-ħakma Ngliża fl-1763. Għad li llum iktar minn miljun jinstabu jgħixu f'diversi nħawi tal-Kanada, il-maġġuranza jinsabu fil-Provinċja ta' Quebec. Hawn f'din il-provinċja magħrufa bħala "*Il-Kanada Franċiża*" naraw ħajja li tinqata għaliha f'dik li hija kultura, tagħlim u ħsieb u reliġjon. Din id-distinzjoni hija iggarantita u irrispettati bis-saħħa tal-Konfederazjoni Kanadiza, mita ġiet mgħoddija l-*Quebec Act* fl-1774.

Għaliex dan il-pajjiż għandu żewġt ilsna jidher minn dan li semmejna — il-ġrajja tal-pajjiż li ġiebu żewġt iġnus jitkellmu lsien differenti jgħixu fuq l-istess art li biż-żmien dawn iż-żewġ elementi baqgħu bla ma tħalltu iżda ħadu l-isem waħdani ta' Kanadiżi.

Li f'dan il-pajjiż hawn żewġt ilsna narawh fil-ħajja ta' kulljum. Tiltaqa' ma' nies li jitkellmu bejniethom bil-Franċiż u fl-istess waqt jiltaqgħu ma' ieħor u jkellmuh bl-Ingliż. Tmur tisma' l-quddies u l-evanġelju jinqara bil-Franċiż u wara bl-Ingliż. Bosta bradi f'ċerimonji pubbliki l-Prim Ministru jitkellem biż-żewġt ilsna. Mita dan l-aħħar kien hawn fil-Kanada r-Reġina Eliżabetta tkellmet fil-belt ta' Quebec bl-ilsien tal-Provinċja — bil-Franċiż. Fil-House of Commons id-debates jsiru bl-Ingliż u bil-Franċiż. Il-flus tal-karta Kanadiżi kif ukoll il-bolli tal-posta jġibu iż-żewġ ilsna.

Wieħed jinnota xi differenzi fil-vokabolarju u l-pronunzja kemm ta' l-Ingliż kif ukoll tal-Franċiż li huma mitkellma fil-Kanada. Hawn niltaqgħu ma' idjomi li huma proprji Kanadiżi. Hekk naraw li kif

jaħsbu ċerti lingwistiċi l-Kanada qed toħloq ilsien għaliha billi tissellef u taddotta kliem mingħajr ma timita.

Il-Kanadiżi ma jaħsbux l-istess dwar l-istess ħaġa jew iffissru ħsiebhom bl-istess termini bħan-nies ta pajjiżi oħra. Wieħed għandu biss jagħti daqqa t'għajn lejn il-gazzetti Kanadiżi u jqabbilhom ma' dawk ta' l-Amerka jew ta' l-Ingilterra biex jinduna li l-Kanadiżi jaħsbu u jiktbu bil-Kanadiż. Id-differenza tidher ħafna fl-ilsien Ingliż mita jiġi mitkellem u wieħed jara din id-differenza jekk joqgħod ftit jisma' bis-sabar il-kelliema fuq ir-radju tal-Kanada C.B.C. (*Canadian Broadcasting Corporation*) u jisma' wkoll dawk ta' l-Amerika u dawk tal-B.B.C. ta' Londra. Mingħajr ma tkun taf l-istazjon tinduna jekk hux mill-Amerika jew mill-Kanada jew mill-Ingilterra, u dan tagħirfu mill-mod kif jitlissen l-Ingliż.

Bosta ġnus fl-imgħoddi żviluppaw billi kellhom l-għaqda tar-razza jew l-għaqda ta' l-ilsien jew l-għaqda tar-reliġjon u kultura jew taħlita ta' dawn l-għaqdiet. Iżda l-għaqda fil-Kanada hija msejsa fuq l-aspett ta' kif jaħsbuha dawk li jgħammru f'din l-art bla tarf li bil-għaqal u bis-sabar ta' dawk l-irġiel u nisa li jitkellmu bl-Ingliż u dawk li jitkellmu bil-Franċiż sabu ruħhom igħixu f'pajjiż li jsejħulu pajjiżhom u ma' dawn żdiedu eluf ta' immigranti li jitkellmu b'mitt ilsien ieħor iżda li jagħarfu wkoll il-Kanada bħala pajjiżhom u biex jinqdew jeħtiġilhom jitgħallmu wieħed miż-żewġt ilsna tal-pajjiż — l-Ingliż jew il-Franċiż.

## REĊENSJONI

CREMONA, A., *Ecce Homo*. Dar ta' S. Ġużepp, 1952. pp. 40.

Għadd kbir ta' episodji reliġjużi u persunaġġi bibliċi qegħdin jistennew li jinqala' drammaturgu biex joħroġhom mill-kotba mqaddsa u jqegħidhom fuq il-palk. Imma billi dawn huma kollha suġġetti delikati jeħtieġu drammaturgi ta' l-affari tagħhom, anzi nies ta' kultura reliġjuża għanja u ta' prinċipji morali sodi.

Dawn id-doti ta' l-aħħar żgur li ma jonqsux f'Ninu Cremona li barra milli huwa letterat u studjuż kbir, żejjen il-letteratura Maltija bid-dramm pastorali u patrijottiku "Il-Fidwa tal-Bdiewa".

Iżda l-"Ecce Homo", l-istess bħall-"Fidwa", mhux għalkemm taħdmu fuq il-palk. Għaliex hemm drammi biex isiru u oħrajn biex jinqraw biss. Dawk ta' Cremona nsib li huma minn dawn ta' l-aħħar: imma meta ngħid li qegħdin għall-qari ma nfissirx biss li wieħed għandu jaqrahom id-dar, fuq pultruna bħallikieku xi rumanz jew novella. Dawn ta' Cremona huma tajbin biex jinqraw fil-pubbliku minn interpreti differenti kif tabilħaqq sar fil-każ ta' l-"Ecce Homo".

Dana l-episodju drammatiku irreċitawh fil-"Malta Cultural Institute" erbgħa min-nies li isimhom biss jeżentana milli naħlu t-toroċ biex naħarqu l-inċensi: W. Gulia, Therese Vassallo, Fasanelli. U magħhom U. Mifsud Bonnici, A. Farrugia, M. Serracino Inglott, il-Kaptan Busuttil u Miriam Magro: taħt id-direzzjoni, jekk jogħġbok, ta' ħadd ieħor ħlief Erin Serracino Inglott.

Il-battuti tal-persunaġġi tad-dramma huma xi drabi wisq twal u d-djalogi m'humiex dawk li jagħmlu biżżejjed effett fuq il-palk jekk l-atturi ma jkunux tas-sengħa. Iżda mill-banda l-oħra l-karattri huma maqlugħin ħafna u l-atmosfera maħluqa biex teħodna fl-ewwel żminijiet ta' l-Insara wara ftit li ġrat l-aqwa traġedja ta' kull epoka, it-traġedja tal-Golgota.

Iktar mill-persunaġġi mistħajla (bħal Marku, Flavja, Salumi, Drusilla u Marċella) laqtuna l-persunaġġi storiċi. U fuq dawn kollha, Ponzju Pilatu u martu Klawdja. Milqûta wkoll il-Madalena.

Il-kiefer ħakkiem Ruman li ma' ħaddieħor ma kienx jaħsibha darbtejn biex jaqta' s-sentenza tal-mewt, baża' jitgħabba bil-kundanna ta' Kristu; u dana jurina iżjed ċar l-innoċenza tar-Redentur. Hawn hu għalina l-ikbar mertu ta' Cremona li għaraf jisvolġi dan il-pont importanti tad-dramm b'sengħa maħsuba tajjeb ferm. Is-sogħba ta' Pilatu li ma kellux il-ħila jiddikjara pubblikament l-innoċenza ta' Kristu tirriżulta mill-kliem illi huwa jgħid f'iżjed minn passaġġ wieħed ta' l-att; u l-influwenza ta' Klawdja fuq il-gvernatur Ruman li jħoss ir-rimors tal-kuxjenza u jindem, hija minsuġa bil-għaqal. Il-karattri ta' Pilatu u Klawdja jispikkaw ħafna.

Sabiħa u patetika d-deskrizzjoni tal-ħolm li kienet toħlom Klawdja (paġni 17-19), imqar jekk mhix għalkollox skond it-teknika tat-Teatru modern. L-istess ħaġa tingħad għal kliem Flavju li, fost il-persunaġġi fittizji, jidhrilna li huwa l-aħjar.

Ix-xena finali hija affettiva. Kliem Ponzju Pilatu, l-iktar meta jgħid:

"Imma dan id-demm! Għaliex idejja mċappsin bid-demm?

Gibuli l-ilma ħa naħsel idejja..."

ifakkarna fix-xena qawwija tal-"Macbeth".

Il-ktejjeb ta' Cremona huwa mitbugħ tajjeb, bħas-soltu, fid-Dar ta' S. Gużepp, b'introduzzjoni f'waqtha ta' E. Coleiro u bir-riproduzzjoni tal-mużika tal-kor tax-Xirka tal-Maddalena, mużika miktuba mis-Sur J. Abela Scolaro, iddisinjata minn Guido Gili u fotografata mis-sur Manwel Sciberras. Il-kopertina artistika ta' A. M. Grimaud hija silhouette ta' l-*Ecce Homo* taħt emblema ta' l-Ajkla Rumana. Il-ktieb ma jonqsu lanqas in-*Nihil Obstat*.

28-xi-52. ALBERT M. CASSOLA.

## R. I. P.

Id-Direzzjoni tagħti l-għomor lil Laurent Ropa, u lil ħuh Patri Piju Rapa, O.P. fit-telfa li ġarrbu bil-mewt ta' missierhom.

# WERREJ 1952


| | | paġ. |
|---|---|---|
| AGIUS, Dr. S. | *Lura lejn Malta* | 43 |
| AQUILINA, Prof. G. | Editorjal | 1, 33 |
| BARBARA, Valentin V., O.P. | Gulju Cesri (trad.) | 11, 34 |
| BONAVIA, Ġorġ. | Il-Kanada — Pajjiż ta' żewġt ilsna | 77 |
| BRIFFA, Dr. R. | *Waħdi Tlajt* | 46 |
| BUTTIGIEG, Dr. A. | *Puccini u l-"Coro dei Muti"* | 45 |
| CAMILLERI, Dun Frans | *Lill-Belt Valletta* | 13 |
| | *Xjenza* | 42 |
| CARUANA, Vincent | *Iben il-Poeżija* | 50 |
| CASSAR, G.B. | *Għalfejn?* | 15 |
| | *Ix-Xemx ta' Malta* | 42 |
| | *Niftakar* | 47 |
| CASSAR PULLICINO, G. | "Żieda ta' Kliem u Tifsir" ta' V. Mifsud Bonnici | 20 |
| | "Poeżiji" ta' G. A. Vassallo | 23 |
| CHETCUTI, Ġużè | Klawsura | 48 |
| CURMI, Dr. G. | Il-Letteratura ta' Żminijietna | 55 |
| EBEJER, Francis | Ċpar fix-Xemx | 58 |
| FRIN 52 | *Attitudini Interrogattiva: Il-Moħħ Jogħod* | 51 |
| FARRUGIA, Fr. Cherubin, O.C. | *Ir-Ranġiż* | 49 |
| GULIA, O.J. | Iż-Żifna | 13 |
| GULIA, Wallace | *Gloom* | 15 |
| MANARA, A. | *Żmien u Mħabba* | 44 |
| | *Versi lil M...* | 44 |
| MEJLAK, J. | *Il-Baħar* | 53 |
| MICALLEF J.S. | Tibdil ta' l-Alif fil-Malti | 16 |
| MIFSUD BONNICI, V. | Żieda ta' Kliem u Tifsir | 20 |
| MIZZI, Marcell | Virġilju, Beatrice u l-figuri l-oħra ta' Dante | 5 |
| | *L-Erbat Iżmna* | 14 |
| VASSALLO, G.A. | Poeżiji | 23 |
| VASSALLO, K. | Il-Għeneb taz-Zija | 52 |
| VELLA, P. Marianus, O.F.M. | *Sangre y Arena* | 43 |
| RECENSJONIJIET: | | 31, 78 |

# SCICLUNAS BANK

# SERVICE
# SECURITY
# SECRECY
# SAVINGS.

**(ESTABLISHED 1830)**

# THE NATIONAL BANK OF MALTA

## JAGHMEL OPERAZZJONIJIET BANKARJI TA' KULL XORTA

ISIRU TRASFERIMENTI TA' FLUS B'ITTRI JEW B'TELEGRAMMI GHAD-DINJA KOLLHA.

JOHORĠU ITTRI TA' KREDITU U TRAVELLERS' CHEQUES U JINGHATAW IL-FAĊILITAJIET LIL KULL MIN ISIEFER.

IL-BANK JAHDEM MAL-BANEK PRINĊIPALI TA' L-AMERIKA, AWSTRALJA U TAL-KANADA.

**IL-BORŻA U D-DWANA . . . . . . . . IL-BELT.**
**IR-RABAT . . . . . . . . . . . . GHAWDEX.**

---

BANK MAGHQUD MIEGHU

## SCICLUNAS BANK

**MISRAH IL-PALAZZ, IL-BELT.**